# Introduzzjoni

## Daħla

Kapitlu I

## Prinċipji Ġenerali dwar il-Kelma ta' Alla fil-Liturġija

### I. XI TAGĦRIF TA' QABEL

#### a) L-importanza tal-Kelma ta' Alla fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija

1. Dwar l-importanza tal-Kelma ta' Alla u l-użu ta' l-Iskrittura f'kull ċelebrazzjoni liturġika tkellmu fit-tul u qalu ħafna ħwejjeġ sbieħ, kemm il-Konċilju Vatikan II,[1] kemm il-Papiet fit-tagħlim tagħhom,[2] u kemm il-ħafna dokumenti li ħarġu mill-Kongregazzjonijiet tas-Santa Sede wara l-Konċilju Vatikan II.[3] Xi prinċipji importanti dwar dan insibuhom ukoll imfakkra u spjegati fil-qosor fid-*Daħla* ta' l-*Ordni għall-Qari tal-Quddiesa* li ġie ppubblikat fis-sena 1969.

Minħabba li fl-okkażjoni tat-tieni edizzjoni ta' l-*Ordni għall-Qari tal-Quddiesa* ħafna talbu li ssir preżentazzjoni aktar fit-tul (eżawrjenti) ta' dawk il-prinċipji, tħejjiet għalhekk *Daħla* itwal u aħjar. Fiha, wara li nsibu mfissra r-rabta li għandu jkun hemm bejn il-Kelma ta' Alla u ċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija,[5] tiġi spjegata b'mod partikulari l-Kelma ta' Alla fil-Quddiesa biex b'hekk tiġi analizzata u definita l-istruttura kollha ta' l-*Ordni għall-Qari tal-Quddiesa*.

#### b) Il-kliem li jintuża biex ifisser il-Kelma ta' Alla

2. Meta nitkellmu fuq il-Kelma ta' Alla dejjem ikollna nużaw kliem jew frażijiet biex infissruha b'mod aktar ċar u eżatt; iżda f'din id-*Daħla* se nużaw biss dak il-kliem li nsibu fid-dokumenti tal-Konċilju jew f'dawk li ħarġu wara l-Konċilju; għalhekk dawk il-kotba kollha li nkitbu bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu se nsejħulhom jew l-*Iskrittura Mqaddsa* jew il-*Kelma ta' Alla,* u dan se nagħmluh tul id-*Daħla* kollha mingħajr ma nagħmlu ebda differenza, iżda wkoll mingħajr ebda taħwid u konfużjoni, bejn iż-żewġ espressjonijiet.[6]

#### ċ) It-tifsira liturġika tal-Kelma ta' Alla

3. L-għana kotran tal-Kelma ta' Alla jidher b'mod tassew ta' l-għaġeb fil-ħafna ċelebrazzjonijiet, kif ukoll fil-laqgħat ta' kull sura ta' l-insara u li fihom jieħdu sehem, kemm matul is-sena, aħna u nfakkru l-misteru ta' Kristu, kemm fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti u tas-sagramentali tal-Knisja, u kemm fir-risposta li kull nisrani waħdu jagħti għall-ħidma f'ruħu ta' l-Ispirtu s-Santu.[7] B'hekk l-istess ċelebrazzjoni liturġika, li hi mibnija u msaħħa b'mod ta' l-għaġeb mill-Kelma ta' Alla, issir ġrajja ġdida, u tagħni b'tifsir ġdid u b'qawwa ġdida l-Kelma ta' Alla. Fil-Liturġija, għalhekk, il-Knisja bil-mod kif taqra u tfisser l-Iskrittura Mqaddsa, tagħmel kif kien jagħmel Kristu, li jħeġġiġna naraw fl-Iskrittura Mqaddsa kollha kemm hi l-"illum" tal-ġrajja kollha tiegħu.[8]

## II. IĊ-ĊELEBRAZZJONI LITURĠIKA TAL-KELMA TA' ALLA

### a) Is-sura proprja tal-Kelma ta' Alla fiċ-ċelebrazzjoni liturġika

4. Il-Kelma ta' Alla fil-Liturġija ma titħabbarx dejjem[9] bl-istess mod, u lanqas tolqot dejjem bl-istess qawwa qlub dawk li jisimgħuha: imma Kristu jinsab dejjem fil-Kelma tiegħu,[10] huwa u jwettaq il-misteru tas-salvazzjoni, iqaddes il-bnedmin u jagħti qima perfetta[11] lill-Missier.

Anzi, il-misteru u r-rigal tas-salvazzjoni, li l-Kelma ta' Alla bla heda tfakkar u xxandar, jikseb it-tifsir sħiħ tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, hekk li l-istess ċelebrazzjoni liturġika ssir it-tħabbira kontinwa sħiħa u qawwija tal-Kelma ta' Alla.

Il-Kelma ta' Alla, imħabbra bla waqfien fil-Liturġija, bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, issir ħajja u qawwija[12] u turi dik l-imħabba tal-Missier li taħdem fina l-bnedmin u li qatt ma tonqos mill-qawwa kollha tagħha.

### b) Il-Kelma ta' Alla fil-misteru tas-salvazzjoni

5. Il-Knisja tħabbar l-istess misteru waħdieni ta' Kristu meta fiċ-ċelebrazzjoni liturġika xxandar kemm il-Patt il-Qadim u kemm il-Patt il-Ġdid. Għaliex fil-Patt il-Qadim jinsab moħbi l-Patt il-Ġdid, u fil-Patt il-Ġdid jidher il-Patt il-Qadim.[13] Kristu huwa ċ-ċentru u l-qofol ta' l-Iskrittura kollha u taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kollha;[14] għalhekk mill-għejun tiegħu jridu jixorbu dawk kollha li qegħdin ifittxu s-salvazzjoni u l-ħajja.

U aktar ma tingħaraf sewwa x'inhi ċ-ċelebrazzjoni liturġika, aktar jingħaraf is-siwi tal-Kelma ta' Alla; u dak li ngħidu għall-Kelma ta' Alla nistgħu ngħiduh għal-Liturġija għaliex it-tnejn ifakkru l-misteru ta' Kristu, u t-tnejn skond is-sura tagħhom iżommuh ħaj tul iż-żminijiet.

### ċ) Il-Kelma ta' Alla fit-tisħib liturġiku tal-fidili

6. Il-Knisja, fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ttenni bil-fedeltà kollha l-istess *Amen* li darba għal dejjem tenna Kristu, il-Medjatur bejn Alla u l-bniedem, meta xerred Demmu biex iwettaq il-Patt il-Ġdid ma' Alla fl-Ispirtu s-Santu.[15]

Għalhekk, meta Alla jlissen Kelmtu, jistenna dejjem tweġiba, iżda s-smigħ fih innifsu huwa diġà qima "fl-Ispirtu u fil-verità" (Ġw 4, 23). U fil-fatt, l-Ispirtu s-Santu jagħti qawwa lill-istess tweġiba, hekk li dak li jinstema' fiċ-ċelebrazzjoni liturġika jkollu tifsir fil-ħajja, skond dak li jingħad li għandna nkunu "dawk li jagħmlu l-kelma u mhux li jisimgħuha biss." (ara Ġak 1, 22)

Il-qagħdiet tal-ġisem, il-ġesti, il-kliem, li jsawru l-azzjoni liturġika u li juru t-tisħib tal-fidili waqt iċ-ċelebrazzjoni liturġika, jieħdu t-tifsir tagħhom mhux biss mill-esperjenza tal-ħajja li minnha joħorġu, imma wkoll mill-Kelma ta' Alla u mill-pjan tas-salvazzjoni li jridu jfissru; għalhekk aktar ikun kbir it-tisħib tal-fidili fil-Liturġija, huma u jisimgħu l-Kelma ta' Alla titħabbar f'waqtha, aktar ma jippruvaw jingħaqdu mill-qrib mal-Kelma ta' Alla inkarnata fi Kristu: b'hekk dak li ċċelebraw fil-Liturġija, huma jfittxu li jħarsuh fil-ħajja u fl-imġiba tagħhom ta' kuljum u, min-naħa l-oħra, dak li jagħmlu f'ħajjithom ifittxu jagħmluh ukoll fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.[16]

## III. IL-KELMA TA' ALLA FIL-ĦAJJA TAL-POPLU "TAL-PATT"

### a) Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja

7. Il-Knisja tinbena u tikber hija u tisma' l-Kelma ta' Alla, u l-għeġubijiet li fl-imgħoddi b'ħafna modi Alla għamel fil-ġrajja tas-salvazzjoni, jiġġeddu taħt xbihat, fil-verità mistika tagħhom, waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi; min-naħa l-oħra Alla wkoll jinqeda bix-xirka ta' l-insara, huma u jiċċelebraw il-Liturġija biex il-Kelma tiegħu tiġri u tissebbaħ u ismu jkun kbir fost il-ġnus.[17]

Għalhekk, kull meta l-Knisja miġbura f'xirka waħda mill-Ispirtu s-Santu għaċ-ċelebrazzjoni liturġika,[18] tħabbar u xxandar il-Kelma ta' Alla, tagħraf li hi l-poplu ġdid, li fih il-patt, li seħħ fl-imgħoddi, isir fl-aħħar perfett u sħiħ. Min-naħa l-oħra, l-insara kollha, magħmulin ħabbâra tal-Kelma ta' Alla bil-Magħmudija u l-Griżma fl-Ispirtu, wara li jkunu semgħu l-Kelma ta' Alla, bil-grazzja tiegħu, ikunu fid-dmir li jxandruha fil-Knisja u fid-dinja, għall-inqas bix-xhieda ta' ħajjithom.

L-istess Kelma ta' Alla, li titħabbar waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, mhux biss hi għaż-żmien tal-lum, imma tħares ukoll lejn l-imgħoddi u lejn il-ġejjieni, u tqanqal fina x-xewqa u t-tama, għax fost it-taqlib kollu ta' din il-ħajja, hemm ikunu qlubna fejn tassew jinsab il-hena.[19]

### b) Il-Kelma ta' Alla mfissra fil-Knisja

8. Il-poplu ġdid ta' Alla, skond ir-rieda ta' Kristu stess, hu magħmul minn ħafna membri, mhux l-istess, imma magħżulin minn xulxin, b'mod tassew ta' l-għaġeb; fih hemm ukoll bosta suriet ta' uffiċċji u ta' dmirijiet dwar il-Kelma ta' Alla, hekk li din jisimgħuha u jimmeditawha l-insara kollha, imma jfissruha dawk biss li, permezz ta' l-ordinazzjoni sagra għandhom il-mandat li jgħallmu, jew dawk li ġie lilhom fdat dan il-ministeru.

Hekk il-Knisja, fit-tagħlim tagħha, fil-ħajja u fil-qima tagħha, iżżomm f'kull żmien u tgħaddi liż-żminijiet ta' wara dak kollu li hi u dak kollu li temmen, b'mod li, tul is-sekli, timxi bla heda lejn il-milja sħiħa tal-verità ta' Alla, sakemm fiha sseħħ għal kollox il-Kelma ta' Alla.[20]

### ċ) Ir-rabta bejn it-tħabbira tal-Kelma ta' Alla u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu

9. Hi meħtieġa l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu biex il-Kelma ta' Alla li tinstema' bil-widnejn taħdem fil-qlub; bl-ispirazzjoni u bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu l-Kelma ta' Alla ssir il-pedament taċ-ċelebrazzjoni liturġika u regola u għajnuna tal-ħajja kollha.

Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu mhux biss isseħħ qabel l-istess ċelebrazzjoni liturġika, timxi magħha u tkompli sseħħ wara li tintemm, iżda fil-qalb ta' kull nisrani tnebbaħ[21] dak li tħabbar fix-xandir tal-Kelma ta' Alla lix-xirka kollha ta' l-insara, u waqt li ssaħħaħ ir-rabta bejn kulħadd, tqawwi l-ħafna kariżmi u tkabbar il-ħafna ħidmiet tal-membri.

### d) Ir-rabta sħiħa bejn il-Kelma ta' Alla u l-misteru ta' l-Ewkaristija

10. Il-Knisja wriet dejjem l-istess venerazzjoni, u dejjem u kullimkien insistiet li tingħata l-istess venerazzjoni lill-Kelma ta' Alla u l-misteru ta' l-Ewkaristija għalkemm ma tathomx l-istess qima. Il-Knisja dejjem u f'kull imkien riedet u wettqet dan meta, imqanqla mill-eżempju tal-Fundatur tagħha, qatt ma waqfet tiċċelebra l-misteru tiegħu tal-Għid, waqt li tingabar f'xirka waħda ħa taqra "kull ma hemm fl-Iskrittura fuqu" (Lq 24, 27), u twettaq il-misteru tas-salvazzjoni hija u tagħmel it-tifkira tal-Mulej u tiċċelebra s-sagramenti, li huma l-opra tal-fidwa. Tabilħaqq "ix-xandir tal-Kelma hu meħtieġ għall-istess ministeru tas-sagramenti, għaliex huma sagramenti tal-fidi, li titwieled u titmantna bil-Kelma."[22]

Il-Knisja titmantna spiritwalment miż-żewġt imwejjed,[23] u b'hekk min-naħa waħda titgħallem aktar waqt li titqaddes b'mod aqwa. Fil-Kelma ta' Alla jitħabbar il-patt tiegħu, u fl-Ewkaristija jiġġedded l-istess patt tiegħu, ġdid u għal dejjem. Il-ġrajja tas-salvazzjoni tiġi mfakkra bit-tlissin tal-kliem, u din l-istess ġrajja titfisser fil-Liturġija bi xbihat sagramentali.

Għalhekk jeħtieġ li nżommu dejjem quddiem għajnejna li l-Kelma ta' Alla, li tinqara u titħabbar mill-Knisja fil-Liturġija, qisha twassal b'xi mod, bħallikieku għall-għan tagħha, għas-sagrifiċċju tal-patt, għall-ikla ta' radd il-ħajr, jiġifieri għall-Ewkaristija. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għalhekk, li fiha tinstema' l-Kelma ta' Alla u ssir l-offerta ta' l-Ewkaristija, li mbagħad titqassam fit-tqarbin, hi att wieħed ta' qima[24] li bih noffru s-sagrifiċċju ta' tifħir lil Alla u tingħata lill-bniedem il-milja tal-fidwa.

## L-Ewwel Taqsima
## Il-Kelma ta' Alla fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa

Kapitlu II

## Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma fil-Quddiesa

### I. L-ELEMENTI TAL-LITURĠIJA TAL-KELMA U R-RITI TAGĦHOM

11. "Il-lezzjonijiet bibliċi u l-kant ta' bejniethom huma l-aqwa parti tal-Liturġija tal-Kelma; l-omelija, il-Kredu u t-Talb tal-Fidili jgħinu biex il-Liturġija tal-Kelma tiftiehem aħjar u biex jagħlqu ċ-ċelebrazzjoni tagħha."[25]

### a) Il-Qari mill-Iskrittura

12. Il-qari mill-Iskrittura, flimkien mal-kant meħud mill-Iskrittura, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa la għandhom qatt jonqsu jew jitnaqqsu, jew, u din ħaġa agħar, jinbidlu ma' qari ieħor li mhux mill-Iskrittura.[26] "Alla għadu jitkellem mal-poplu tiegħu"[27] permezz tal-Kelma ta' Alla miktuba, u mill-użu kuljum ta' l-Iskrittura, il-poplu ta' Alla bid-dawl tal-fidi jkun dispost biex joqgħod għal dak li jnebbħu l-Ispirtu s-Santu biex ikun jista' jagħti xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja bil-ħajja u bl-imġiba tiegħu.

13. Il-qari ta' l-Evanġelju hu l-qofol tal-Liturġija tal-Kelma: għalih iħejji l-ġemgħa ta' l-insara l-qari l-ieħor li jsir skond l-ordni ffissat, jiġifieri l-ewwel il-qari mill-Patt il-Qadim u mbagħad dak mill-Patt il-Ġdid.

14. Il-mod kif il-letturi jaqraw, jiġifieri b'leħen għoli, ċar, u bl-għerf kollu, għandu l-ewwelnett iwassal sewwa lill-ġemgħa ta' l-insara l-Kelma ta' Alla permezz tal-lezzjonijiet. Il-lezzjonijiet, meħudin minn edizzjonijiet approvati,[28] jistgħu jitkantaw, skond ma jippermetti l-ilsien li jkun, iżda l-kant ma għandu qatt joħnoq il-kelma, imma għandu jagħmilha tiftiehem aktar. Jekk il-lezzjonijiet se jinqraw bil-Latin, għandhom jitkantaw skond kif hemm fl-*Ordni għall-Kant fil-Quddiesa.*[29]

15. Jista' jkun hemm xi twissijiet żgħar u meħtieġa qabel kull lezzjoni, l-aktar qabel l-ewwel lezzjoni. Iżda wieħed irid joqgħod attent ħafna għas-sura letterarja ta' dawn it-twissijiet: iridu jkunu sempliċi, imħejjija bil-għaqal kollu, qsar u jaqblu mat-test tal-qari li għalih se jservu ta' daħla.[30]

16. Fil-Quddiesa mal-poplu l-lezzjonijiet għandhom dejjem jiġu pproklamati minn fuq l-ambone.[31]

17. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma għandu jkun hemm attenzjoni speċjali għall-venerazzjoni li tistħoqq lill-qari ta' l-Evanġelju.[32] Jekk hemm Evanġeljarju, fil-purċissjoni ta' l-introjtu, dan jinżamm mid-djaknu jew minn lettur u mbagħad jitqiegħed fuq l-altar;[33] wara jixraq li d-djaknu jew, fil-każ li ma hemmx, is-saċerdot jieħu l-Evanġeljarju minn fuq l-altar[34] u jmur bih lejn l-ambone flimkien mal-ministri bix-xemgħat mixgħula u biċ-ċensier. Il-fidili jqumu bil-wieqfa u jqimu l-ktieb ta' l-Evanġelju billi jlissnu tifħir lill-Mulej *(Hallelujah).* Id-djaknu li se jaqra l-Evanġelju jmur quddiem dak li qiegħed jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni, jitbaxxa quddiemu u jitlob il-barka u din tingħatalu. Meta ma hemmx djaknu, is-saċerdot li jaqra l-Evanġelju jmur quddiem l-altar, jitbaxxa u fis-skiet jgħid: *Naddafli qalbi...*[35]

Dak li jaqra l-Evanġelju, minn fuq l-ambone isellem lill-poplu, iħabbar it-titlu tal-lezzjoni ta' l-Evanġelju, jagħmel sinjal tas-salib fuq moħħu, xofftejh u sidru, u mbagħad, jekk se jintuża l-inċens, jinċensa l-ktieb, u wara jħabbar l-Evanġelju. Meta jtemm il-qari ta' l-Evanġelju jbus il-ktieb, u fis-skiet jgħid il-kliem li hemm preskritt: *Bit-tagħlim ta' l-Evanġelju nitnaddfu minn dnubietna.*

It-tislima, it-tħabbira tal-bidu *Qari mill-Evanġelju...* u tat-tmiem *Il-Kelma tal-Mulej* jistgħu jitkantaw biex il-poplu jkun jista' jwieġeb bil-kant, ukoll jekk l-Evanġelju jkun se jinqara u mhux jitkanta. B'dan il-mod tintwera l-importanza tal-qari ta' l-Evanġelju, u titqanqal l-attenzjoni ta' dawk li jkunu se jisimgħu t-tħabbira tiegħu.

18. L-akklamazzjoni *Il-Kelma tal-Mulej,* li tingħad wara kull qari, tista' titkanta minn kantur li ma jkunx dak li qara l-lezzjoni; kulħadd imbagħad iwieġeb għall-akklamazzjoni bil-kant. B'dan il-mod il-ġemgħa ta' l-insara tagħti ġieħ lill-Kelma ta' Alla bil-fidi u bi spirtu ta' radd il-ħajr.

### b) Is-salm responsorjali

19. Is-salm responsorjali, li jissejjaħ ukoll gradwal, hu "parti integrali mil-Liturġija tal-Kelma"[36] u għandu importanza liturġika u pastorali kbira. L-insara għalhekk għandhom jiġu mgħallma bla heda ħalli jkunu jafu jilqgħu l-Kelma li Alla jwasslilhom permezz tas-salmi, u jifhmu kif il-kliem tas-salmi fil-Knisja jinbidel f'talb.

Dan żgur "jeħfief jekk il-kleru stess jitħeġġeġ iżjed biex jifhem aħjar is-salmi skond is-sens u l-użu tagħhom fil-Liturġija mqaddsa u jekk lill-fidili tingħata katekeżi fuq is-salmi".[37]

Jistgħu jkunu ta' għajnuna t-twissijiet qosra li juru kemm jaqbel is-salm magħżul u r-responsorju tiegħu mal-qari li jkun sar qablu.

20. Bħala regola s-salm responsorjali għandu jitkanta. Hemm żewġ modi kif jista' jitkanta s-salm ta' wara l-ewwel lezzjoni: il-mod responsorjali u l-mod dirett. Il-mod responsorjali, li kemm jista' jkun għandu jiġi preferit, huwa dan: is-salmista, jew il-kantur tas-salmi, ilissen il-kliem tas-salm waqt li l-poplu jwieġeb bir-responsorju. Fil-mod dirett is-salm jitkanta kollu kemm hu, mingħajr ma jingħad ir-responsorju, mis-salmista (jew il-kantur tas-salmi) waħdu, waqt li l-poplu jisma' fis-skiet, jew jista' jitkanta mill-ġemgħa kollha flimkien.

21. Il-kant tas-salm, jew ukoll il-kant biss tar-responsorju, jista' jgħin ħafna biex jingħaraf is-sens spiritwali tas-salm u jħajjar għall-meditazzjoni tiegħu.

F'kull kultura wieħed għandu jagħmel użu minn kull ma jista' jgħin il-kant tal-ġemgħa u wkoll mill-fakultajiet mogħtija għal dan il-għan fl-istess *Ordni għall-Qari tal-Quddiesa*[38] dwar ir-responsorji li jistgħu jintużaw skond iż-żmien liturġiku li jkun.

22. Is-salm responsorjali, jekk ma jitkantax, għandu jingħad bl-aħjar mod li jista' jkun, ħalli jgħin għall-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla.[39]

Is-salm responsorjali għandu jingħad jew jitkanta mis-salmista minn fuq l-ambone.[40]

### ċ) L-akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

23. Anki l-Hallelujah jew, skond iż-żmien liturġiku, il-vers qabel l-Evanġelju, huwa "rit għalih waħdu"[41]; bih il-ġemgħa ta' l-insara tilqa' l-Mulej li ġej ikellimha, issellimlu u xxandar bil-kant it-twemmin tagħha.

Għall-kant ta' l-Hallelujah u l-vers qabel l-Evanġelju kulħadd iqum bil-wieqfa. Dawn jitkantaw mhux biss mill-kantur li jintona jew mill-kor waħdu, imma mill-poplu kollu kemm hu.

### d) L-omelija

24. L-omelija, li matul is-sena liturġika għandha tfisser il-misteri tal-fidi u r-regoli tal-ħajja nisranija mill-qari li jkun sar, hija parti mil-Liturġija tal-Kelma:[42] dan intqal ta' spiss u, minn mindu ħarġet il-Kostituzzjoni liturġika tal-Konċilju Vatikan II, intqal ukoll b'mod ċar li hi dejjem rakkomandata u obbligatorja f'ċerti okkażjonijiet. Bħala regola l-omelija jagħmilha min jippresiedi,[44] u fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa l-għan tagħha hu li l-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret, flimkien mal-Liturġija ta' l-Ewkaristija, issir "qisha t-tħabbira ta' l-għeġubijiet ta' Alla fil-ġrajja tas-salvazzjoni jew il-misteru ta' Kristu."[45] Il-misteru tal-Għid ta' Kristu li jitħabbar fil-qari u fl-omelija jseħħ bis-sagrifiċċju tal-Quddiesa.[46] Kristu jinsab dejjem fil-predikazzjoni tal-Knisja tiegħu u jwettaqha bil-ħidma tiegħu.[47]

L-omelija għaldaqstant, kemm jekk tfisser il-kelma ta' l-Iskrittura li tkun tħabbret kemm jekk tfisser xi test liturġiku ieħor, trid twassal lill-ġemgħa ta' l-insara għal ċelebrazzjoni ħajja ta' l-Ewkaristija b'mod li "jgħixu f'ħajjithom dak li kisbu bil-fidi."[49] B'dan it-tifsir ħaj tal-Kelma ta' Alla li tinqara, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja jiksbu qawwa akbar, jekk l-omelija tkun tassew frott ta' meditazzjoni, imħejjija tajjeb, la wisq fit-tul u lanqas fil-qosor, u fiha wieħed għandu jqis sewwa 'l kull min qiegħed jismagħha kemm it-tfal kif ukoll in-nies bla skola.[50]

F'konċelebrazzjoni, bħala regola, l-omelija jagħmilha ċ-ċelebrant prinċipali, jew wieħed mill-konċelebranti.[51]

25. Fil-ġranet obbligatorji, jiġifieri l-Ħdud u l-festi kmandati u fil-Quddies li jsir fil-għaxija l-jum ta' qabel, l-omelija trid issir fil-Quddies kollu, li fih jieħu sehem il-poplu.[52] Trid issir ukoll fil-Quddiesa għat-tfal jew għall-gruppi partikulari.[53] Huwa wkoll irrakkomandat bil-qawwa li l-omelija ssir għall-fidili li regolarment jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-ġranet tal-Għid, tar-Randan u ta' l-Avvent, u f'festi oħra u f'dawk l-okkażjonijiet li fihom imorru aktar nies għall-Quddies.[54]

26. Iċ-ċelebrant jagħmel l-omelija jew mis-sedja, bil-wieqfa, jew bilqiegħda, jew mill-ambone.[55]

27. L-avviżi li jsiru lill-poplu għandhom ikunu mifrudin għal kollox mill-omelija; posthom hu wara t-talba ta' wara t-tqarbin.[56]

### e) Is-skiet

28. Il-Liturġija tal-Kelma trid tiġi ċċelebrata b'mod li tgħin għall-meditazzjoni, għalhekk għandha tiġi evitata għal kollox kull sura ta' għaġla li tfixkel il-ġabra. Id-djalogu bejn Alla u l-bniedem, imqanqal mill-Ispirtu s-Santu, jitlob waqtiet qosra ta' skiet, adatti għall-ġemgħa li tkun, biex il-Kelma ta' Alla tkun milqugħa bil-qalb u titħejja tweġiba għaliha fit-talb.

Dawn il-waqtiet ta' skiet fil-Liturġija tal-Kelma jistgħu jkunu bħal qabel ma tibda l-Liturġija tal-Kelma, wara l-ewwel u t-tieni lezzjoni, u, fl-aħħarnett, wara l-omelija.[57]

### f) L-istqarrija tal-fidi

29. Il-Kredu, jew l-istqarrija tal-fidi, li jingħad skond ir-rubriki fil-Quddiesa, iservi biex il-ġemgħa ta' l-insara wara li tkun semgħet il-Kelma ta' Alla fil-qari u fl-omelija, tilqagħha u twieġeb għaliha, u tiftakar fir-"regola tal-fidi", fil-forma approvata mill-Knisja, qabel ma tgħaddi għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tal-fidi fl-Ewkarisitja.[58]

### g) It-talba tal-fidili

30. Fit-Talba tal-Fidili, il-ġemgħa ta' l-insara, imdawla mill-Kelma ta' Alla, li b'xi mod twieġeb għaliha, titlob, bħala regola għall-ħtiġijiet tal-Knisja kollha kemm hi u għal dawk tal-knisja tal-post, għas-salvazzjoni tad-dinja u ta' dawk kollha li huma mġarrbin b'xi mod jew ieħor u għal xi gruppi tal-bnedmin.

Taħt it-tmexxija taċ-ċelebrant, id-djaknu, jew xi ministru jew ukoll xi wħud mill-fidili, iħabbru lill-ġemgħa l-intenzjonijiet qsar u magħmulin bil-libertà kollha imma wkoll bil-għaqal: bihom "il-poplu jaqdi l-uffiċċju saċerdotali tiegħu u jitlob għall-bnedmin kollha"[59] hekk li huwa u jilqa' l-frott tal-Liturġija tal-Kelma jkun jista' jgħaddi b'mod xieraq għaċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija ta' l-Ewkaristija.

31. Iċ-ċelebrant imexxi t-Talba tal-Fidili mis-sedja, waqt li l-intenzjonijiet jitħabbru mill-ambone.[60] Il-ġemgħa ta' l-insara tissieħeb fit-Talba tal-Fidili bil-wieqfa billi ttenni jew tkanta t-tweġiba għal kull intenzjoni jew billi titlob fis-skiet.[61]

## II. DAK LI JWASSAL GĦAL ĊELEBRAZZJONI XIERQA TAL-LITURĠIJA TAL-KELMA

### a) Il-post minn fejn titħabbar il-Kelma ta' Alla

32. Fil-knisja għandu jkun hemm post fil-għoli, fiss, irranġat sewwa, xieraq u ta' ġieħ, li jkun xieraq lill-Kelma ta' Alla u fl-istess ħin ifakkar lill-insara li fil-Quddiesa titħejja għalihom kemm il-mejda tal-Kelma ta' Alla u kemm il-mejda tal-Ġisem tal-Mulej,[62] u li, fl-aħħarnett ikun ta' għajnuna għall-insara ħalli jisimgħu u joqogħdu attenti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma. Għalhekk wieħed irid jara sewwa li jkun hemm skond l-istruttura partikulari ta' kull knisja rabta arkitettonika xierqa bejn l-ambone u l-altar.

33. L-ambone, skond is-sura tiegħu, għandu jkun imżejjen b'mod irżin, jew dejjem, jew almenu fis-solennitajiet il-kbar.

L-ambone hu l-post li minn fuqu titħabbar il-Kelma ta' Alla mill-ministri tiegħu, għalhekk għandu jservi biss għall-qari tal-lezzjonijiet u tas-salm responsorjali u għat-tħabbira tal-Għid. Iżda l-omelija u t-Talba tal-Fidili jistgħu jsiru wkoll minn fuq l-ambone minħabba r-rabta sħiħa tagħhom mal-Liturġija tal-Kelma. Ma tantx jixraq li fuq l-ambone jitilgħu oħrajn, bħall-kummentatur, il-kantur, jew id-direttur tal-kor.[63]

34. L-ambone jrid ikun wiesa' biżżejjed biex iċ-ċelebrazzjonijiet isiru b'mod xieraq, għaliex fuqu xi drabi jridu joqogħdu aktar minn ministru wieħed. Wieħed irid jara wkoll li l-letturi fuq l-ambone jkollhom dawl biżżejjed biex jaqraw u, skond il-ħtieġa, wkoll dawk il-mezzi moderni li bihom il-fidili jkunu jistgħu jisimgħu l-qari li jiġi pproklamat.

### b) Il-kotba meħtieġa għat-tħabbir tal-Kelma ta' Alla

35. Il-kotba, li minnhom jinqraw il-lezzjonijiet tal-Kelma ta' Alla, flimkien mal-ministri, mas-sinjali ritwali, mal-post u ma' ħwejjeġ oħra, għandhom ifakkru lill-insara li Alla jinsab f'nofs il-poplu tiegħu biex ikellmu. Għalhekk wieħed għandu jieħu ħsieb li l-kotba użati fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, jkunu xierqa, sbieħ u ta' ġieħ[64] biex jidhru tassew bħala sinjal u simbolu tal-ħwejjeġ tas-sema.

36. It-tħabbira ta' l-Evanġelju hi dejjem il-qofol tal-Liturġija tal-Kelma, u għalhekk it-tradizzjoni, kemm tal-Lvant u kemm tal-Punent, dejjem għamlet distinzjoni bejn il-kotba tal-qari. Il-Ktieb ta' l-Evanġelju dejjem kien jinħadem b'kura speċjali, u kien ikun imżejjen u meqjum, aktar mill-kotba l-oħra kollha tal-qari. Jixraq għalhekk li fi żmienna wkoll, fil-kattedrali, fil-knejjes kbar u f'dawk il-knejjes parrokkjali u fil-knejjes l-oħra li fihom imorru ħafna nies, ikun hemm il-Ktieb ta' l-Evanġelju, differenti mill-kotba l-oħra tal-qari, imżejjen kif jixraq. Ikun dan il-ktieb li jingħata lid-djaknu fl-ordinazzjoni tiegħu u li jitqiegħed u jinżamm fuq ras min ikun magħżul għal isqof fl-ordinazzjoni episkopali tiegħu.[65]

37. Il-kotba tal-qari li jintużaw fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, minħabba d-dinjità tal-Kelma ta' Alla, ma għandhomx jitwarrbu biex flokhom jintużaw pubblikazzjonijiet oħra pastorali, bħalma huma l-fuljetti bil-qari tal-Quddiesa li jitqassmu lill-fidili biex iħejju ruħhom għall-qari tal-Quddiesa jew biex jimmeditawh.

Kapitlu III

## L-Uffiċċji u l-Ministeri fiċ-Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla fil-Quddiesa

### I. L-UFFIĊĊJU TA' MIN JIPPRESIEDI L-LITURĠIJA TAL-KELMA

38. Dak li jippresiedi l-Liturġija tal-Kelma, u li jwassal, l-aktar permezz ta' l-omelija, lill-insara l-ikel tar-ruħ li jinsab fiha, ukoll meta jkun jisma' l-Kelma ta' Alla hija u titħabbar minn oħrajn, jibqa' dejjem l-ewwel wieħed li għandu d-dmir li jħabbar il-Kelma. U meta jkun ra li, jew permezz tiegħu jew permezz ta' oħrajn, il-Kelma ta' Alla se titħabbar b'mod xieraq, għandu bħala regola jżomm għalih it-twissijiet qsar li bihom ikun irid jiġbed l-attenzjoni tal-fidili u fuq kollox, l-omelija li biha jgħin lill-fidili ħa jiksbu frott aqwa mill-Kelma ta' Alla.

39. Meħtieġ l-ewwelnett li dak li jippresiedi jkun jaf sewwa l-istruttura ta' *l-Ordni għall-Qari* biex jagħraf joħroġ frott minnu fi qlub l-insara; barra dan, bit-talb u bl-istudju tiegħu, għandu jagħraf sewwa r-rabta u l-għaqda bejniethom tat-testi kollha tal-Liturġija tal-Kelma biex mill-*Ordni għall-Qari* jingħaraf sewwa l-misteru ta' Kristu u l-opra tiegħu tas-salvazzjoni.

40. Min jippresiedi għandu, bil-qalb kollha, jagħmel użu mill-fakultajiet li għandu, u li huma msemmija fil-Lezzjonarju, dwar qari, responsorji, salmi responsorjali, vers qabel l-Evanġelju,[66] iżda dan għandu jagħmlu bi ftehim sħiħ[67] ma' kull min għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni, u wara li jkun sema' wkoll il-fidili f'dak li għandu x'jaqsam magħhom.[68]

41. Min jippresiedi jkun jaqdi d-dmir proprju tiegħu u l-ministeru tal-Kelma ta' Alla wkoll meta jagħmel l-omelija.[69] Biha hu jwassal l-aħwa biex jifhmu t-tifsir għoli ta' l-Iskrittura, jiftaħ qlub il-fidili għal radd il-ħajr lil Alla għall-għeġubijiet kbar tiegħu, iqawwi f'kull min qiegħed jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni l-fidi fil-Kelma li waqt iċ-ċelebrazzjoni ssir sagrament bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, u fl-aħħarnett iħejjihom ħa jersqu għat-tqarbin b'mod li jkun frott għalihom, waqt li jistedinhom jidħlu għad-dmirijiet li titlob minnhom il-ħajja nisranija.

42. Hu dmir min jippresiedi jħejji xi kull tant, l-insara għall-qari permezz ta' twissijiet.[70] Dawn it-twissijiet għandhom jgħinu l-ġemgħa ta' l-insara biex tisma' aħjar il-Kelma ta' Alla, u hekk iqanqlu l-fidi u r-rieda tajba tagħha. Dan id-dmir jista' jaqdih permezz ta' oħrajn, bħal ma hu d-djaknu jew il-kummentatur.[71]

43. Min jippresiedi huwa u jmexxi t-Talba tal-Fidili, sa fejn jista' għandu jgħaqqad l-introduzzjoni tal-bidu u t-talba ta' l-għeluq mal-qari u l-omelija, u hekk iwassal lill-fidili għaċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija ta' l-Ewkaristija.[72]

### II. ID-DMIR TAL-FIDILI FIL-LITURĠIJA TAL-KELMA

44. Bil-Kelma ta' Kristu l-poplu ta' Alla jinġabar, jikber, jitmantna; "dan jgħodd l-aktar għal-Liturġija tal-Kelma fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, fejn jinsabu marbutin flimkien it-tħabbira tal-mewt tal-Mulej u l-qawmien tiegħu għall-ħajja, it-tweġiba tal-poplu li jisma' t-tħabbira u l-offerta li biha Kristu jwettaq il-Patt il-Ġdid f'demmu, offerta li fiha l-fidili jissieħbu bix-xewqat tagħhom u bit-tqarbin".[73] Għaliex "mhux biss meta jinqara, 'dak li nkiteb għat-tagħlim tagħna' (Rum 15, 4) imma wkoll meta l-Knisja titlob, tkanta jew tagħmel xi ħaġa, il-fidi ta' dawk li qegħdin jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tissaħħaħ u l-ħsibijiet tagħhom jintrefgħu lejn Alla biex jagħtuh qima xierqa u jiksbu bil-kotra l-grazzji tiegħu."[74]

45. Fil-Liturġija tal-Kelma, illum ukoll, bis-smigħ li ġej mill-fidi, il-ġemgħa ta' l-insara tilqa' mingħand Alla l-Kelma tal-patt u għal din il-Kelma twieġeb bl-istess fidi ħalli minn jum għal ieħor dejjem aktar issir il-poplu tal-Patt il-Ġdid.

Il-poplu ta' Alla għandu d-dritt spiritwali li jirċievi bil-kotra mit-teżor tal-Kelma ta' Alla, u dan iseħħ ukoll bl-użu tajjeb ta' l-*Ordni għall-Qari tal-Quddiesa,* bl-omelija u bil-ħidma pastorali.

L-insara fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għandhom jisimgħu l-Kelma ta' Alla b'dik il-qima interna u esterna, li minn jum għal ieħor tkabbar fihom il-ħajja spiritwali u twassalhom biex jissieħbu dejjem aktar fil-misteru li jkun qiegħed jiġi ċċelebrat.[75]

46. L-insara, biex ikunu jistgħu jiċċelebraw bil-ħeġġa kollha t-Tifkira tal-Mulej, għandhom jifhmu li Kristu hu dejjem fosthom, kemm hija u titħabbar il-Kelma ta' Alla, għaliex "Hu jkun jitkellem meta fil-Knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa", u kemm u "l-aktar taħt ix-xbihat ta' l-Ewkaristija".[76]

47. Il-Kelma ta' Alla, biex tkun milqugħa u tagħmel għeruq fil-ħajja ta' l-insara, titlob fidi ħajja -[77] fidi li bla heda titqanqal bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla hija u titħabbar.

L-Iskrittura Mqaddsa, l-aktar fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, hi għajn tal-ħajja u ta' virtù, skond ix-xhieda ta' l-Appostlu San Pawl li jgħid li l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu[78]; għalhekk l-imħabba għall-Iskrittura hi qawwa u tiġdid[79] għall-poplu kollu ta' Alla. Jeħtieġ għalhekk li l-poplu kollu ta' Alla jħejji ruħu biex bla heda jisma' l-Kelma ta' Alla bil-ferħ.[80] Il-Kelma ta' Alla, hija u titħabbar fil-Knisja u titwettaq fil-ħajja bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, iddawwal il-fidili u twassalhom biex jidħlu fil-misteru kollu tal-Mulej huwa u jseħħ.[81] Il-Kelma ta' Alla milqugħa bil-fedeltà kollha tqanqal il-qalb u tħejjiha għall-konverżjoni u għal ħajja mdawla mill-fidi[82] għaliex hi ikel għall-ħajja nisranija u għajn tat-talb tal-Knisja kollha.[83]

48. Ir-rabta sħiħa li hemm bejn il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija ta' l-Ewkaristija fil-Quddiesa għandha twassal lill-insara biex jieħdu sehem mill-bidu nett,[84] u b'mod attiv fiċ-ċelebrazzjoni. Ikun aħjar jekk il-fidili jitħejjew ħa jisimgħu l-Kelma ta' Alla l-aktar permezz ta' tagħrif fil-fond u minn qabel ta' l-Iskrittura Mqaddsa; b'hekk titqanqal ukoll ix-xewqa li wieħed jifhem it-testi liturġiċi li jinqraw u r-rieda li wieħed iwieġeb bil-kant.[85]

B'hekk l-insara, għax ikunu semgħu l-Kelma ta' Alla u mmeditawha, iwieġbu b'mod ħaj għaliha bit-tweġiba kollha fidi, tama u mħabba, bit-talb u bl-offerta tagħhom stess, mhux biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa imma wkoll tul il-ħajja nisranija kollha tagħhom.

### III. IL-MINISTERI FIL-LITURĠIJA TAL-KELMA

49. It-tradizzjoni liturġika tafda l-qari tal-lezzjonijiet mill-Iskrittura waqt il-Quddiesa lill-ministri: il-letturi, id-djaknu. Iżda meta ma jkunx hemm djaknu jew saċerdot ieħor, hu s-saċerdot ċelebrant li jaqra l-Evanġelju,[86] u, meta ma hemmx lettur, il-lezzjonijiet l-oħra wkoll.[87]

50. Hu dmir id-djaknu, fil-Liturġija tal-Kelma jħabbar l-Evanġelju, jagħmel l-omelija, meta hemm bżonn u jħabbar lill-poplu l-intenzjonijiet tat-Talba tal-Fidili.[88]

51. “Il-lettur għandu d-dmir proprju tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, u dan id-dmir għandu jaqdih hu, għalkemm ikun hemm ukoll ministri ta’ grad ogħla minn tiegħu.”[89] Il-ministeru ta’ lettur, mogħti waqt ċelebrazzjoni liturġika, għandu jkollu l-ġieħ ta’ kulħadd. Il-letturi li rċevew l-istituzzjoni ta’ letturi, jekk ikun hemm, għandhom jaqdu dan id-dmir tagħhom almenu fil-Ħdud u fil-festi u l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni ewlenija tal-ġurnata. Jista’ jiġi fdat lilhom ukoll l-uffiċċju li jgħinu fit-tfassil tal-Liturġija tal-Kelma u li sakemm ikun meħtieġ, jieħdu ħsieb it-tħejjija ta’ dawk il-fidili, li b’mandat temporanju f’dik l-okkażjoni jintgħażlu biex jaqraw il-lezzjonijiet fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.[90]

52. Il-ġemgħa liturġika teħtieġ il-letturi, ukoll jekk dawn ma jkunux istitwiti f’dan il-ministeru. Wieħed għandu jaħseb li jkun hemm xi lajċi tassew adatti, lesti biex jaqdu dan id-dmir.[91] Meta hemm ħafna letturi u hemm għadd ta’ lezzjonijiet x’jinqraw, dawn għandhom jitqassmu bejniethom.

53. F’Quddies mingħajr djaknu, id-dmir li jħabbar l-intenzjonijiet tat-Talba tal-Fidili hu tal-kantur, l-aktar meta dawn se jitkantaw, jew tal-letturi, jew ta’ oħrajn.[92]

54. Saċerdot li ma jkunx iċ-ċelebrant, djaknu, u lettur li għandu l-istituzzjoni tal-ministeru tal-lettorat, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, meta jitilgħu fuq l-ambone biex jaqraw il-Kelma ta’ Alla, għandhom ikunu lebsin bl-ilbies liturġiku proprju tagħhom. Iżda dawk li jaqdu l-ministeru ta’ lettur, għax imqabbdin jagħmluh f’dik iċ-ċirkustanza partikulari, jew ukoll għax soltu jagħmluh, jistgħu jitilgħu fuq l-ambone bil-libsa tagħhom ta’ kuljum, skond id-drawwiet tal-post.

55. “Jinħtieġ li l-lettur, anki jekk ma jkunx irċieva l-ministeru, ikun tassew jinqala’ għall-uffiċċju mogħti lilu, u jitħejja għalih bil-għaqal, ħalli l-fidili, huma u jisimgħuh jaqra l-Kelma ta’ Alla, jitħeġġu bi mħabba ħajja u qawwija għall-Iskrittura Mqaddsa.”[93]

Din it-tħejjija trid tkun l-ewwelnett tħejjija spiritwali, iżda meħtieġa wkoll tħejjija teknika. It-tħejjija spiritwali titlob tagħrif fuq l-Iskrittura u l-Liturġija. It-tagħrif fuq l-Iskrittura għandu jwassal lil-lettur biex jifhem il-qari fil-kuntest proprju tiegħu, u jagħraf il-qofol tat-tħabbira li ġiet rivelata minn Alla fid-dawl tal-fidi. It-tagħrif dwar il-Liturġija jgħin lil-lettur ħa jagħraf it-tifsir u l-istruttura tal-Liturġija tal-Kelma u r-rabta li hemm bejn il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija ta’ l-Ewkaristija. It-tħejjija teknika twassal lil-lettur biex minn jum għal ieħor ikollu dejjem aktar ħila jaqra quddiem in-nies kemm bl-għajnuna tal-mikrofonu u kemm mingħajr l-għajnuna tiegħu.

56. Is-salmista jew il-kantur tas-salmi għandu d-dmir ikanta b’mod responsorjali jew dirett is-salm jew il-kantiku mill-Iskrittura, l-Hallelujah jew xi kant ieħor li jkun hemm bejn il-lezzjonijiet. Meta jkun meħtieġ jista’ jintona hu l-Hallelujah u l-versett tagħha.[94]

Għall-qadi tal-ministeru ta’ salmista, tajjeb li f’kull komunità ekkleżjali jkun hemm lajċi li jinqalgħu jkantaw is-salmi, u jlissnu u jgħidu l-kliem b’mod ċar u sewwa. Dak li jingħad hawn fuq dwar it-tħejjija tal-letturi jgħodd ukoll għas-salmista.

57. Il-kummentatur, minn post xieraq, jagħti tifsir ta’ dak li qiegħed isir lill-ġemgħa tal-fidili, u f’ħin waqtu jgħidilhom x’għandhom jagħmlu b’mod ċar u rżin; bħala regola dak li jgħid għandu jkun miktub minn qabel u approvat miċ-ċelebrant. Il-ministeru tal-kummentatur hu ministeru verament liturġiku.[95]

# It-Tieni Taqsima
## L-Istruttura tat-Tqassim Ġenerali tal-Qari tal-Quddiesa

Kapitlu IV

## Tqassim Ġenerali tal-Qari tal-Quddiesa

### I. L-GĦAN PASTORALI TA' L-ORDNI TAL-QUDDIESA

58. *L-Ordni għall-Qari,* li nsibu fil-Lezzjonarju tal-Missal Ruman, tħejja skond il-fehma tal-Konċilju Vatikan II, qabel kollox bi ħsieb pastorali. Biex dan il-għan jinkiseb, mhux biss il-prinċipji li fuqu mibni dan l-Ordni ġdid imma wkoll l-għażla tat-testi li nsibu fih, ġew mgħarbla kemm-il darba bl-għajnuna ta' nies mid-dinja kollha, esperti fl-eseġesi, fil-Liturġija, fil-kateketika u fil-pastorali. Dan l-Ordni hu frott ta' ħidma flimkien.

Hemm tama kbira li l-qari u t-tifsir kuljum ta' l-Iskrittura Mqaddsa lill-poplu nisrani waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa minn dan l-*Ordni għall-Qari* jgħin sewwa biex jintlaħaq l-għan li fuqu l-Konċilju Vatikan II tkellem aktar minn darba.[96]

59. Meta sar it-tiġdid ta' l-*Ordni għall-Qari tal-Quddiesa*, il-fehma kienet li jitħejja u jkun hemm Ordni wieħed biss, tassew għani u sħiħ, u jaqbel ma' dak li talab u ried il-Konċilju Vatikan II[97] u fl-istess ħin tajjeb biex jiġi adattat għax-xewqat u għall-użu ta' knejjes jew gruppi partikulari. Għalhekk dawk li kienu nkarigati minn dan it-tiġdid fittxu li jħarsu t-tradizzjoni liturġika tar-rit Ruman, waqt li fl-istess ħin taw importanza kbira lis-suriet kollha ta' għażla, tqassim u użu tal-qari mill-Iskrittura li jinsabu f'riti reliġjużi oħra u f'xi knejjes partikulari waqt li għamlu użu wkoll minn dak li nstab tajjeb fl-esperimenti li saru, u ħasbu biex jevitaw dawk id-difetti li kien hemm fis-sura ta' l-Ordni ta' qabel.

60. L-Ordni l-ġdid għall-Qari fil-Quddiesa għandu t-tqassim tal-qari mill-Iskrittura tajjeb biżżejjed biex jgħin lill-insara ħa jkunu jafu l-Kelma ta' Alla kollha kemm hi u b'mod mill-aħjar. Matul is-sena liturġika kollha, imma l-aktar fi żmien l-Avvent, ir-Randan u l-Għid, l-għażla u l-ordni tal-qari għandhom bħala għan li l-insara jaslu biex jagħrfu l-fidi li jħaddnu u, b'mod aktar fil-fond, il-ġrajja tas-salvazzjoni.[98] B'dan il-mod, l-*Ordni għall-Qari* jwieġeb sewwa għall-ħtiġijiet u għax-xewqat tal-poplu nisrani.

61. Għalkemm iċ-ċelebrazzjoni liturġika minnha nfisha m'hijiex xi sura ta' katekeżi, għandha wkoll il-ħsieb li tgħallem, u dan jingħad ukoll fil-Lezzjonarju tal-Missal Ruman,[99] u għalhekk nistgħu ngħidu li għandna f'idejna strument pedagoġiku li ħa jġib 'il quddiem il-katekeżi.

*L-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa* jħabbar, b'mod xieraq mill-Iskrittura Mqaddsa, il-kliem u l-għemil ewlieni tal-ġrajja tas-salvazzjoni. Fil-mumenti u fil-fatti ewlenin tagħha din l-istorja titfakkar fil-Liturgija tal-Kelma, u l-fidili jarawha bħala ħaġa li fil-fatt qiegħda titkompla fit-tiġdid tal-misteru tal-Għid ta' Kristu biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

62. Is-siwi pastorali li jkun hemm Ordni wieħed għall-Qari tal-Quddiesa fir-rit Ruman jidher sewwa wkoll mill-fatt li l-fidili kollha, l-aktar għaliex għal ħafna raġunijiet mhux dejjem jissieħbu fl-istess ġemgħa, f'kull imkien, f'ċerti ġranet u f'ċerti żminijiet jisimgħu dejjem l-istess qari, u jimmeditawh skond iċ-ċirkustanzi li fihom ikunu, ukoll f'dawk il-postijiet nieqsa mis-saċerdoti, fejn djaknu jew xi ħadd ieħor, magħżul mill-isqof tal-post, imexxi ċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma.[100]

63. Ir-rgħajja ta' l-erwieħ, li jkunu jixtiequ jagħtu tweġiba speċjali għall-problemi proprji tal-ġemgħa tagħhom bil-Kelma ta' Alla, għandhom jiftakru qabel kollox li huma ħabbâra ta' l-Evanġelju u tal-misteru sħiħ ta' Kristu. Għalhekk, għall-iskop tagħhom, għandhom jagħmlu użu tajjeb mill-għażliet li jistgħu jagħmlu u li jagħtihom l-istess *Ordni għall-Qari tal-Quddiesa,* u dan l-aktar fl-okkażjoni ta' ċelebrazzjoni ta' Quddiesa ritwali, jew votiva, jew tal-Qaddisin jew ta' Quddiesa għal xi ħtiġijiet. Hemm ukoll, fil-linja tan-normi ġenerali, fakultajiet speċjali dwar il-qari tal-Kelma ta' Alla fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għall-gruppi partikulari.[101]

## II. IL-PRINĊIPJI LI FUQHOM TFASSAL L-ORDNI GĦALL-QARI

64. Biex jintlaħaq l-għan ta' *l-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa,* il-partijiet intgħażlu u tqassmu b'mod li tqies l-ordni kif jiġu wara xulxin iż-żminijiet liturġiċi u l-prinċipji ta' l-ermenewtika li l-istudju ta' l-eseġeżi ta' żmienna wasal biex jagħraf u jfisser.

Jaqbel għalhekk li nsemmu hawn il-prinċipji li fuqhom tfassal *l-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.*

### a) L-għażla tal-qari

65. It-tqassim tal-qari għall-*Proprju taż-Żmien* sar b'mod li fil-Ħdud u fil-ġranet tal-festa jistgħu jinqraw is-siltiet l-aktar importanti tal-Bibbja, ħalli l-fidili jisimgħu l-aqwa partijiet tal-messaġġ tal-kelma rivelata ta' Alla matul medda xierqa ta' żmien. Barra minn dan, hemm sensiela oħra ta' testi bibliċi; din qisha tissokta u ttemm lill-ewwel waħda, u hi magħmula għall-ferji. B'danakollu l-ewwel sensiela m'hijiex marbuta mat-tieni; jiġifieri l-qari għall-Ħdud u l-festi jimxi għalih, u hekk ukoll il-qari għall-ferji.

Hemm ukoll regoli oħra proprji għall-qari li jsir fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin, u fil-Quddies ritwali, votiv, u *ad diversa* u għall-Quddies tal-mejtin.

### b) It-tqassim tal-Lezzjonarju għall-Ħdud u l-ġranet ta' festa

66. *Fl-Ordni għall-Qari* għall-Ħdud u għal-ġranet tal-festa, wieħed għandu jinnota dan li ġej:

1. Kull Quddiesa fiha tliet lezzjonijiet: l-ewwel waħda mit-Testment il-Qadim, it-tieni mill-Appostli (jiġifieri, mill-Ittri jew mill-Atti ta' l-Appostli, jew mill-Apokalissi, skond iż-żmien tas-sena), it-tielet mill-Evanġelju. B'hekk tidher tajjeb ħafna l-għaqda bejn iż-żewġ Testmenti u l-istorja tas-salvazzjoni, li ċ-ċentru tagħha hu Kristu fit-tifkira tal-misteru tiegħu tal-Għid.

2. Ladarba l-Lezzjonarju għall-Ħdud u l-ġranet ta' festa hu mqassam f'ċiklu ta' tliet snin, il-qari mill-Iskrittura Mqaddsa f'dawn il-ġranet isir skond għażla iktar wiesgħa u kotrana ta' testi, hekk li l-istess testi ma jerġgħux jinqraw jekk mhux wara kull tliet snin.[102]

3. *L-Ordni għall-Qari* għall-Ħdud u l-ġranet ta' festa jimxi fuq il-prinċipju jew ta' nisġa skond is-suġġett jew ta' qari semi-kontinwu. Dan isir skond iż-żmien tas-sena u l-karattru partikulari taż-żmien liturġiku.

67. L-aħjar nisġa bejn it-testi tat-Testment il-Qadim u l-Ġdid hija dik li tidher fl-istess qari ta' l-Iskrittura, meta t-tagħlim u l-ġrajjiet imfissra fit-testi tat-Testment il-Ġdid ikollhom rabta ftit jew wisq ċara mat-tagħlim u mal-ġrajjiet imfissra fil-qari tat-Testment il-Qadim. F'dan *l-Ordni għall-Qari,* it-testi tat-Testment il-Qadim ġew magħżula fuq kollox b'mod li jkunu jaqblu mat-testi tat-Testment il-Ġdid, li jinqraw fl-istess Quddiesa, l-aktar ma' l-Evanġelju.

Mod ieħor ta' nisġa skond is-suġġett bejn it-testi bibliċi li jinqraw fl-istess Quddiesa, insibuh fi żmien l-Avvent, ir-Randan u l-Għid, jiġifieri f'dawk iż-żminijiet li għandhom karattru partikulari.

Min-naħa l-oħra, fil-Ħdud taż-żmien ta' *matul is-sena*, li m'għandhom ebda karattru speċjali, kemm il-qari mill-kitbiet ta' l-appostli u kemm il-qari ta' l-Evanġelju tqassmu skond l-ordni tal-qari semi-kontinwu, b'mod iżda li dejjem hemm xi rabta tajba bejn it-Testment il-Qadim u l-Evanġelju.

68. Ma ġiex milqugħ is-suġġeriment li l-qari tal-Ħdud ikun imqassam b'mod li għal kull Ħadd ikun hemm tema biex hekk jeħfief it-tagħlim li jingħata bl-omelija. Fehma bħal din tmur għal kollox kontra l-ħsieb ta' ċelebrazzjoni liturġika li hi dejjem ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu. Fit-tradizzjoni liturġika, il-Kelma ta' Alla titħabbar mhux biss biex tieħu ħsieb il-qagħda li fiha jkunu l-insara imma wkoll biex l-Evanġelju jitħabbar kollu kemm hu u l-insara jaslu għall-verità sħiħa.

### ċ) It-tqassim tal-Lezzjonarju ferjali

69. It-tqassim tal-qari għall-ferji sar hekk:

1. Kull Quddiesa għandha żewġ lezzjonijiet, l-ewwel waħda mit-Testment il-Qadim jew mill-Appostlu (jiġifieri mill-Ittri jew mill-Apokalissi, u, fi żmien il-Għid, mill-Atti ta' l-Appostli) u l-oħra mill-Evanġelju.

2. Iċ-ċiklu għal żmien ir-Randan tqassam fuq prinċipji speċjali marbuta mal-karattru ta' l-istess żmien, jiġifieri dak tal-magħmudija u ta' l-indiema.

3. Għall-ferji ta' l-Avvent u ta' żmien il-Għid, iċ-ċiklu hu wkoll ta' sena; għalhekk il-lezzjonijiet ma jinbidlux.

4. Għall-ferji ta' l-34 ġimgħa taż-żmien ta' *matul is-sena*, il-qari ta' l-Evanġelju tqassam fuq ċiklu wieħed li jerġa' jinbeda kull sena. Iżda l-ewwel lezzjoni tqassmet fuq ċiklu ta' sentejn, hekk li l-istess sensiela ta' lezzjonijiet tinqara sena iva u oħra le. Is-snin bil-fard (bħal 2007, 2009 eċċ) jitqiesu bħala Sena I, u s-snin biż-żewġ (bħal 2008, 2010 eċċ) jitqiesu bħala Sena II.

   Il-prinċipji ta' nisġa skond is-suġġett jew qari semi-kontinwu jitħaddmu kif hemm imniżżel għal-Lezzjonarju tal-Ħdud, speċjalment f'dak iż-żmien liturġiku li għandu karattru partikolari.

### d) Il-Lezzjonarju għaċ-ċelebrazzjoni tal-Qaddisin

70. Għaċ-ċelebrazzjoni tal-Qaddisin hemm sensiela doppja ta' lezzjonijiet:

1. Waħda fil-Proprju, għas-solennitajiet, festi u tifkiriet, l-aktar fejn hemm testi proprji għal xi wħud minnhom; iżda xi drabi, fil-Komun stess ikun hemm test li minnu nnifsu jkun jaqbel tajjeb ma' din jew dik iċ-ċelebrazzjoni, u għalhekk ikun hemm nota biex wieħed jagħżel lilu l-iżjed.

2. Fis-sensiela l-oħra, li tinsab fil-Komun tal-Qaddisin, hemm għażla ikbar. F'din it-taqsima, l-ewwel tqiegħdu testi aktar proprji għal din jew dik il-kategorija ta' Qaddisin (Martri, Ragħajja ta' l-Erwieħ, Dutturi tal-Knisja, Verġni), imbagħad testi oħra dwar il-qdusija b'mod ġenerali. Dawn it-testi jistgħu jintgħażlu f'kull ċelebrazzjoni ta' Qaddisin li t-testi tagħha jkollhom jittieħdu mill-Komun.

71. F'din it-taqsima t-testi huma miġbura għalihom skond l-ordni li għandhom jinqraw, jigifieri, l-ewwel it-testi mit-Testment il-Qadim, imbagħad it-testi mill-Appostli, imbagħad is-salmi responsorjali u l-versetti ta' qabel l-Evanġelju, u fl-aħħar it-testi ta' l-Evanġelju. Minn kull ġabra ta' testi ċ-ċelebrant jista' jagħżel li jrid, meta ma jkunx determinat mod ieħor u sakemm iżomm quddiem għajnejh il-ħtiġijiet pastorali ta' dawk li jkunu qegħdin jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni.

## e) Il-Lezzjonarju għall-Quddies ritwali, "ad diversa", u votiv

72. Hemm l-istess tqassim għall-qari għall-Quddies ritwali, "ad diversa", votiv u tal-mejtin; jiġifieri t-testi huma miġburin għalihom, bħal fil-Komun tal-Qaddisin.

## f) L-aħjar kriterji fil-għażla u fit-tqassim tal-lezzjonijiet

73. Barra minn dawn il-prinċipji li bihom tqassmu l-lezzjonijiet f'kull parti tal-Lezzjonarju, hemm prinċipji oħra ta' ordni iktar ġenerali, li bejn wieħed u ieħor jistgħu jinġabru hekk:

### 1. *Kotba mħollija għal żminijiet liturġiċi determinati*

74. Skond l-importanza taċ-ċirkustanza fiha nfisha, u skond it-tradizzjoni liturġika, f'dan l-Ordni, xi kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa tħallew għal żminijiet liturġiċi determinati. Hekk il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli jinqara fi żmien il-Għid, skond it-tradizzjoni sew tal-Punent (Ambrożjana u Spanjola) u sew tal-Lvant. Bil-qari ta' dan il-tieb fi żmien il-Għid jidher tajjeb li l-Knisja tagħraf il-bidu tal-ħajja kollha tagħha fil-misteru tal-Għid. Bl-istess mod inżammet it-tradizzjoni oċċidentali u orjentali li l-Evanġelju ta' San Ġwann jinqara fl-aħħar ġimgħat tar-Randan u fi żmien il-Għid, għax hu l-Evanġelju "spiritwali" li jfisser wisq aħjar il-misteru ta' Kristu.

Skond it-tradizzjoni wkoll, il-Ktieb ta' Isaija, l-aktar l-ewwel taqsima tiegħu, jinqara fi żmien l-Avvent, għalkemm xi testi mill-istess ktieb jinqraw fi żmien il-Milied; u l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu tinqara fi żmien il-Milied ukoll.

### 2. *It-tul tal-qari*

75. F'dak li hu tul tat-testi nżammet it-triq tan-nofs. Saret għażla bejn testi narrattivi u testi didattiċi; ta' l-ewwel ġie li huma kemmxejn twal, għax fil-biċċa l-kbira l-fidili joqogħdu jisimgħu r-rakkonti b'attenzjoni akbar; l-oħrajn, minħabba t-tagħlim għoli tagħhom, ikun aħjar jekk ma jeħdux fit-tul.

Fost it-testi t-twal hemm uħud li jistgħu jinqraw sħaħ jew biċċa minnhom, skond iċ-ċirkustanzi. Il-mod kif dawn it-testi jistgħu jitqassru ntagħżel b'attenzjoni kbira.

*3. Qari ta' testi tqal*

76. Minħabba raġuni pastorali, għall-qari tal-Ħdud u tas-solennitajiet twarrbu dawk it-testi bibliċi li huma tassew tqal, kemm għax minnhom infushom iqanqlu problemi kbar letterarji, kritiċi jew eżeġetiċi, kif ukoll għax xi drabi l-fidili jsibuhom tassew tqal għalihom biex jifhmuhom. B'danakollu ma kinitx ħaġa sewwa li teżori spiritwali ta' ċerti testi ma jinfetħux għall-fidili għar-raġuni weħidha li huma aktarx tqal, meta dan it-toqol ikun ġej jew għax ma jkunx ingħata biżżejjed dak it-tagħlim kateketiku meħtieġ li ebda nisrani tajjeb ma jista' joqgħod mingħajru, jew għax ikun hemm nuqqas ta' dik il-formazzjoni biblika li hi meħtieġa f'kull ragħaj tajjeb ta' l-erwieħ. Min-naħa l-oħra jiġri wkoll li t-toqol ta' xi testi jeħfief minħabba l-istess nisġa tagħhom ma' qari ta' testi oħrajn fl-istess Quddiesa.

*4. Meta jitħallew barra xi versetti*

77. Skond it-tradizzjoni ta' bosta liturġiji, fosthom ukoll il-Liturġija Rumana, dari kien hemm id-drawwa li fil-qari ta' l-Iskrittura Mqaddsa jitħallew barra xi versetti. Tabilħaqq li din m'hijiex ħaġa ħafifa għax għandu mnejn jitħassar is-sens tat-test jew il-ħsieb tiegħu u saħansitra l-istil tiegħu ma jibqax li jkun; madanakollu nħass li għal raġuni pastorali, din it-tradizzjoni setgħet tibqa' sseħħ f'dan l-Ordni wkoll, sakemm wieħed joqgħod b'għajnejh miftuħa sewwa biex is-sens tat-test ma jittiefes xejn fl-essenza tiegħu. Kieku ma sarx dan, xi testi kienu jibqgħu twal iktar milli jmiss, filwaqt li oħrajn kien ikollhom jitħallew barra għal kollox minħabba versett jew tnejn li m'humiex ta' siwi pastorali kbir jew iqanqlu problemi kbar ħafna; u dan ma kienx tajjeb li jsir minħabba s-siwi spiritwali kbir ta' dawn it-testi għall-fidili.

## III. PRINĊIPJI GĦALL-UŻU TA' L-ORDNI GĦALL-QARI

### a) Is-setgħa taċ-ċelebrant biex jagħżel it-testi

78. Iċ-ċelebrant għandu s-setgħa li xi drabi jagħżel test jew ieħor għall-qari, jew wieħed minn grupp ta' testi magħżula għall-istess lezzjoni. Dan m'għandux jiġri ta' spiss fil-Ħdud u fis-solennitajiet u fil-festi, biex ma jintmessx il-karattru proprju taż-żmien liturġiku li jkun għaddej u ma jinqatax bla raġuni xierqa l-qari semi-kontinwu ta' xi ktieb; imma ċ-ċelebrant jista' jinqeda aktar b'din is-setgħa fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin u fil-Quddies ritwali, "ad diversa", votiv u tal-mejtin.

Dawn il-fakultajiet, flimkien ma' dawk imsemmija *fl-Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* u *fl-Ordni għall-Kant fil-Quddiesa*[103] għandhom skop pastorali. Is-saċerdot huwa u jħejji l-Liturġija tal-Kelma "għandu jħares aktar lejn il-ġid spiritwali komuni tal-poplu milli lejn il-ġibdiet tiegħu. U jiftakar ukoll li din l-għażla għandha ssir bi ftehim mal-ministri u ma' dawk li jkunu ħa jagħmlu xi servizz fiċ-ċelebrazzjoni, u saħansitra mal-fidili f'dak li għandu x'jaqsam magħhom direttament."[104]

*1. Iż-żewġ lezzjonijiet qabel l-Evanġelju*

79. Fil-Quddies bi tliet lezzjonijiet, dawn jinqraw it-tlieta li huma. Jekk għal xi raġuni pastorali, il-Konferenza Episkopali tippermetti li jinqraw tnejn biss, il-għażla bejn l-ewwel tnejn issir b'mod li lill-fidili jingħatalhom l-aħjar tagħlim dwar il-misteru tas-salvazzjoni.[105] Għalhekk, sa fejn ma jingħadx mod ieħor, mill-ewwel żewġ lezzjonijiet tingħażel dik li għandha rabta aqwa ma' l-Evanġelju, jew li , skond l-iskop li semmejna, tgħin aktar biex matul ċertu żmien tingħata katekeżi organika, jew għallinqas ma tfixkilx il-qari semi-kontinwu ta' xi ktieb.[106]

### 2. *Lezzjoni itwal jew iqsar*

80. Il-kriterju pastorali jwassal għad-deċiżjoni jekk għandux jinqara l-qari taħt forma twila jew qasira. Iċ-ċelebrant iqis jekk il-fidili jkollhomx ħila joqogħdu jisimgħu bi frott lezzjoni ftit jew wisq twila; jekk iwasslux biex jifhmu testi iktar tqal; jew jekk jisimgħux qari fil-forma sħiħa tiegħu li mbagħad jitfisser fl-omelija.

### 3. *L-għażla bejn żewġ testi*

81. Meta ċ-ċelebrant ikollu s-setgħa li jagħżel bejn żewġ testi li jkunu ġa determinati jew testi *"ad libitum"*, irid iqis fuq kollox il-ħtieġa pastorali u spiritwali tal-fidili: irid jagħżel dak il-qari li hu l-eħfef jew aktar adattat għall-ġemgħa. Meta l-istess test hu mniżżel f'żewġ ċelebrazzjonijiet differenti, f'waħda bħala proprju u fl-oħra liberu, wieħed jara jkunx iktar ta' ġid jekk jirrepetih jew jagħżel ieħor floku.

Tista' tinħoloq problema meta jkun hemm il-biża' li qari jqanqal diffikultà f'min jisimgħu, jew meta l-istess test hu mniżżel fi ġranet qrib xulxin, ngħidu aħna l-Ħadd u l-għada.

### 4. *Il-qari fil-ferji*

82. Il-qari għall-ferji tqassam b'mod li jkun hemm qari għal kull ġurnata ta' kull ġimgħa matul is-sena kollha: għalhekk bħala regola għandu jsir il-qari li hemm għal kull ġurnata li jkun, sakemm ma taħbatx xi solennità jew xi festa jew ukoll tifkira li għandha l-qari proprju tagħha.[107]

Jekk matul il-ġimgħa taħbat ċelebrazzjoni li minħabba fiha jkollu jinqata' l-qari semi-kontinwu ta' xi ktieb, wieħed jaħseb minn qabel biex iżomm quddiem għajnejh l-ordni tal-lezzjonijiet tal-ġimgħa kollha, ħalli f'dik il-ġurnata jagħżel jekk iħallix barra din jew dik is-silta mill-ktieb, skond liema waħda tkun l-inqas importanti, jew aħjar jekk jgħaqqadx bejniethom dawn is-siltiet jew biċċiet minnhom, skond ma jkun jaqbel biex il-kwadru ta' l-argument tal-ktieb jibqa' sħiħ.

### 5. *Il-Qari fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin*

83. Għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Qaddisin insibu, kull meta jingħata, qari proprju, jiġifieri dak li jsemmi l-persuna nfisha tal-Qaddis jew il-misteru ċċelebrat fil-Quddiesa, bħalma hemm għall-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl u għat-tifkira ta' Santa Marija Maddalena. F'dan il-każ jinqara dejjem il-qari proprju flok il-ferjali, imqar jekk iċ-ċelebrazzjoni tkun biss tifkira. Meta tifkira jkollha qari proprju dan ikun indikat f'postu.

Xi drabi jingħataw lezzjonijiet "approprjati", jiġifieri, li jfissru aspett partikulari mill-ħajja spiritwali tal-Qaddis jew mill-ħidma tiegħu. Imma f'dan il-każ ma hemmx obbligu li dan il-qari jinqara bilfors, jekk m'hemmx raġuni tassew pastorali.

Aktarx il-qari li jissemma jkun jinstab fil-Komun, biex l-għażla ssir bla telf ta' żmien: imma dawn dejjem ikunu suġġerimenti u flok il-lezzjoni approprjata jew biss indikata, wieħed dejjem jista' jagħżel xi lezzjoni oħra minn dawk tal-Komun.

Is-saċerdot, huwa u jqaddes mal-poplu, għandu jfittex qabel kollox il-ġid spiritwali tal-fidili u joqgħod attent li ma jfittixx biss il-ġibdiet tiegħu. Fuq kollox joqgħod attent li mhux ta' sikwit jew mingħajr raġuni suffiċjenti jħalli barra l-qari magħżul għal kull jum fil-Lezzjonarju ferjali għax il-Knisja tixtieq li l-mejda tal-Kelma ta' Alla titħejja lill-fidili b'għana akbar.[108]

Fl-aħħarnett hemm lezzjonijiet komuni, jiġifieri dawk li hemm imniżżla fil-Komun għal xi ordni determinat ta' qaddisin (Martri, Rgħajja ta' l-Erwieħ, Dutturi tal-Knisja, Verġni) jew għall-qaddisin b'mod ġenerali. F'dan il-każ hemm diversi testi għal kull lezzjoni, għalhekk iċ-ċelebrant jagħżel it-test l-aktar adattat għall-ġemgħa.

F'kull ċelebrazzjoni barra l-għażla tal-qari mill-Komun li jkun imsemmi, wieħed dejjem jista' jagħżel il-qari mill-Komun tal-Qaddisin, meta hemm xi raġuni speċjali.

84. Dwar il-qari fil-Quddies tal-Qaddisin wieħed għandu jqis dan ukoll:

a) fis-solennitajiet u fil-festi dejjem għandu jintuża l-qari li jkun hemm indikat fil-Proprju jew fil-Komun. Iċ-ċelebrazzjonijiet li jinsabu fil-Kalendarju universali tal-Knisja għandhom dejjem qari proprju.

b) fis-solennitajiet, li jinsabu fil-Kalendarju partikolari, hemm tliet siltiet, l-ewwel waħda mit-Testment il-Qadim (iżda fi żmien il-Għid, mill-Atti ta' l-Appostli jew mill-Apokalissi), it-tieni mill-Appostlu u t-tielet mill-Evanġelju, sakemm il-Konferenza Episkopali ma tkunx iddeċidiet li jinqraw żewġ lezzjonijiet biss.[109]

ċ) fil-festi u fit-tifkiriet, li għandhom żewġ lezzjonijiet biss, l-ewwel waħda tintgħażel jew mit-Testment il-Qadim jew mill-Appostlu, u t-tieni mill-Evanġelju; imma fi żmien il-Għid, skond it-tradizzjoni tal-Knisja, l-ewwel lezzjoni tintgħażel mill-Appostlu, u l-oħra kemm jista' jkun mill-Evanġelju ta' San Ġwann.

*6. Dwar partijiet oħra ta' l-Ordni tal-Qari*

85. Il-qari tal-Quddies ritwali huwa dak li jinsab indikat fl-Ordni għal kull rit li diġa' ġie ppubblikat; iżda hi ħaġa ċara li tħalla barra dak il-qari maħsub għar-riti ċċelebrati barra l-Quddiesa.[110]

86. Fl-*Ordni għall-Qari tal-Quddies* għal kull ħtieġa, jew tal-Quddies votiv, jew tal-mejtin hemm għadd kbir ta' siltiet li jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għax jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkustanzi, għas-sitwazzjonijiet u għall-problemi tal-gruppi li jkunu jieħdu sehem fil-Quddiesa.[111]

87. Fil-Quddies ritwali, fil-Quddies għal xi ħtieġa, fil-Quddies votiv u tal-mejtin, meta għal kull lezzjoni hemm ħafna testi minn fejn wieħed jista' jagħżel, l-għażla trid ssir skond l-istess kriterji msemmija aktar 'il fuq għall-għażla tal-qari mill-Komun tal-Qaddisin.

88. Meta xi Quddiesa ritwali ma tkunx permessa mir-rubriki, tista' tingħażel lezzjoni waħda minn dawk proposti għall-Quddiesa ritwali li tkun: l-għażla ssir skond in-normi mfissra fir-rit li jkun, u wieħed irid dejjem jagħti każ tal-ġid spiritwali ta' dawk kollha li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-Quddiesa.[112]

## b) Is-salm responsorjali u l-akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

89. Importanti ħafna huwa s-salm responsorjali ta' wara l-ewwel qari. Ordinarjament jingħad is-salm diġà magħżul għall-qari; iżda meta dan ikun meħud mill-Komun tal-Qaddisin jew minn dak għall-Quddies ritwali, "*ad diversa*", votiv u tal-mejtin, iċ-ċelebrant stess jagħżel is-salm l-aktar adattat għall-ħtieġa pastorali tal-ġemgħa.

Biex ikun eħfef għall-poplu li jgħid ir-responsorju tas-salm, hemm salmi u responsorji komuni magħżula għad-diversi żminijiet tas-sena jew għad-diversi ordnijiet ta' Qaddisin. Dawn jistgħu jintużaw minflok it-test marbut mal-lezzjoni, jekk kemm-il darba s-salm responsorjali jitkanta.[113]

90. Barra mis-salm responsorjali hemm kant ieħor minnufih qabel l-Evanġelju u marbut ma' l-istess Evanġelju; dan il-kant, jekk il-Quddiesa ma jkollhiex wieħed diġà determinat, jista' jintgħażel minn fost il-ġabra ta' testi għal dak iż-żmien liturġiku jew mill-Komun.

91. Fir-Randan, qabel u wara dan il-versett marbut ma' l-Evanġelju, tista' tintuża waħda mill-akklamazzjonijiet imsemmija iktar 'l quddiem.[114]

Kapitlu V

## Tifsir ta' l-Ordni għal-Qari

92. Bħala għajnuna għar-rgħajja ta' l-erwieħ biex jifhmu l-istruttura ta' *l-Ordni għall-Qari* ħalli jkun għodda siewja f'idejhom meta jużawh, u l-insara jkunu jistgħu jiksbu minnu frott kotran, tkun ħaġa tajba li jingħata hawn tifsir qasir ta' *l-Ordni għall-Qari,* ta' lanqas ta' dak li jsir fiċ-celebrazzjonijiet il-kbar u fiż-żminijiet diversi tas-sena liturġika, ladarba l-għażla tal-qari ġiet meqjusa sewwa skond ir-regoli kif ingħad aktar qabel.

### I. ŻMIEN L-AVVENT

#### a) Il-Ħdud ta' l-Avvent

93. Is-siltiet ta' l-Evanġelju għandhom karatteristika għalihom, jiġifieri jfakkruna fit-tieni miġja tal-Mulej fl-aħħar taż-żminijiet (l-I Ħadd), fi Ġwanni l-Battista (it-II u t-III Ħadd) u fil-ġrajjiet li ħejjew mill-qrib it-twelid tal-Mulej (ir-IV Ħadd).

Il-qari mit-Testment il-Qadim, li fih il-profeziji dwar il-Messija u ż-żmien Messjaniku, hu meħud l-aktar mill-Ktieb ta' Isaija.

Il-qari mill-Appostlu fih twissijiet u tħabbir, li jmorru ma' l-ispirtu ta' l-Avvent.

#### b) Il-ferji

94. Hemm sensiela ta' lezzjonijiet mill-bidu ta' l-Avvent sas-16 ta' Diċembru, u oħra mis-17 sa l-24 ta' l-istess xahar.

Fl-ewwel taqsima ta' l-Avvent jinqraw siltiet mill-Ktieb ta' Isaija, magħżula skond l-ordni tal-ktieb stess. M'humiex esklużi xi wħud mit-testi l-aktar importanti li jinqraw fil-Ħdud ukoll. Għal dawn il-ġranet intgħażlu Evanġelji li jorbtu ma' l-ewwel lezzjoni.

Mill-Ħamis tat-tieni ġimgħa jinqraw it-testi evanġeliċi dwar Ġwanni l-Battista, filwaqt li l-ewwel lezzjoni hija mill-Ktieb ta' Isaija jew test marbut ma' l-Evanġelju.

L-aħħar ġimgħa qabel il-Milied fiha qari mill-Evanġelju ta' San Mattew (kap. I) u ta' San Luqa (kap. I) dwar il-ġrajjiet li ħejjew mill-qrib it-twelid tal-Mulej. L-ewwel lezzjoni, marbuta ma' l-Evanġelju, hija test minn diversi kotba tat-Testment il-Qadim, fosthom xi wħud mill-profeziji Messjaniċi l-aktar importanti.

## II. ŻMIEN IL-MILIED

### a) Fis-Solennitajiet, fil-Festi u fil-Ħdud

95. Fil-Quddiesa tal-Vġili u fit-tliet Quddisiet tal-Milied il-qari mill-profeti u l-qari l-ieħor intgħażlu skond it-tradizzjoni Rumana.

Il-Ħadd fost l-ottava tal-Milied, jiġifieri nhar il-festa tal-Familja Mqaddsa, l-Evanġelju hu fuq it-tfulija ta' Ġesù; il-lezzjonjiet l-oħra fihom tagħlim fuq il-ħajja tad-dar.

Fl-ottava tal-Milied, u fis-solennità ta' l-Imqaddsa Omm Alla Marija, hemm qari dwar il-Verġni Omm Alla u dwar l-Isem Imqaddes ta' Ġesù.

Fit-tieni Ħadd wara l-Milied, il-qari hu fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.

Fl-Epifanija tal-Mulej, il-qari mit-Testment il-Qadim u l-Evanġelju huma skond it-tradizzjoni tal-Knisja ta' Ruma; it-tieni lezzjoni ssemmi s-sejħa tal-ġnus kollha għas-salvazzjoni.

Fil-festa tal-Magħmudija ta' Kristu, il-qari hu dwar dan il-misteru.

### b) Fil-ferji

96. Mid-29 ta' Diċembru 'l quddiem isir il-qari kontinwu ta' l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu li tkun diġà bdiet tinqara fis-27 (Festa ta' San Ġwann Appostlu) u fit-28 ta' Diċembru (Festa tal-Qaddisin Innoċenti).

L-Evanġelji huma dwar il-manifestazzjonijiet tal-Mulej. Jinqraw il-ġrajjiet tat-tfulija ta' Ġesù mill-Evanġelju ta' San Luqa (29 u 30 ta' Diċembru) u l-ewwel kapitlu ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann (mill-31 ta' Diċembru sal-5 ta' Jannar), u l-aqwa manifestazzjonijiet tal-Mulej mill-erba' Evanġelji (mis-7 sat-12 ta' Jannar).

## III. ŻMIEN IR-RANDAN

### a) Fil-Ħdud

97. Il-lezzjonijiet ta' l-Evanġelju tqassmu hekk: fl-ewwel u fit-tieni Ħadd jinqraw ir-rakkonti tat-tiġrib u tat-trasfigurazzjoni tal-Mulej, skond it-tliet Sinottiċi.

Fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames Ħadd, fis-Sena A jinqraw l-Evanġelji tas-Samaritana, ta' l-għama mit-twelid, u ta' Lażżru. Dawn it-tliet Evanġelji għandhom importanza kbira għall-bidu tal-ħajja nisranija, u għalhekk jistgħu jinqraw ukoll sew fis-Sena B u sew fis-Sena Ċ, l-aktar fejn ikun hemm il-katekumeni. Għas-Sena B intgħażlu testi mill-Evanġelju ta' San Ġwann li jitkellmu fuq il-glorja ġejjiena ta' Kristu permezz tas-Salib u tal-Qawmien tiegħu għall-ħajja, u, għas-Sena Ċ, testi mill-Evanġelju ta' San Luqa fuq il-konverżjoni.

Għal Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej, il-qari magħżul għall-purċissjoni hu dak li fit-tliet Evanġelji sinottiċi jitkellem fuq id-dħul solenni ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Fil-Quddiesa jinqara r-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej.

Il-lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim jorbtu ma' l-istorja tas-salvazzjoni, li hi importanti ħafna għat-tagħlim kateketiku tar-Randan. Għal kull waħda mis-Snin A, B u Ċ, hemm sensiela ta' testi fuq l-elementi ewlenin ta' l-istorja tas-salvazzjoni mill-bidu tagħha sal-wegħda tal-Patt il-Ġdid.

Il-lezzjonijiet mill-Appostlu ntgħażlu b'mod li jkunu jaqblu mal-qari ta' l-Evanġelju u tat-Testment il-Qadim u jorbtuhom kemm jista' jkun aħjar bejniethom.

### b) Fil-ferji

98. Il-qari ta' l-Evanġelju u tat-Testment il-Qadim intgħażlu b'mod li hemm rabta bejniethom u jsemmu ħafna punti tajba għall-katekeżi tar-Randan li jaqblu mat-tifsira spiritwali ta' dan iż-żmien. Mit-Tnejn tar-raba' ġimgħa hemm il-qari semi-kontinwu ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann: it-testi magħżulin minn dan l-Evanġelju jgħoddu ħafna għaż-żmien tar-Randan.

L-Evanġelju tas-Samaritana, ta' l-għama mit-twelid u ta' Lażżru issa se jinqraw fil-Ħdud tas-Sena A biss, u fis-sentejn l-oħra tħallew fil-libertà taċ-ċelebrant. Għalhekk instab mod kif dawn l-Evanġelji jistgħu jinqraw fil-ferji wkoll, billi fil-bidu tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames ġimgħa tqiegħdet *Quddiesa libera* b'dawn l-Evanġelji li semmejna, waħda għal kull ġimgħa, biex tista' tintuża matul il-ġimgħa tagħha f'xi ġurnata li jagħżel iċ-ċelebrant, minflok il-qari tal-ġurnata li tmiss.

Fl-ewwel ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-qari hu dwar il-misteru tal-Passjoni tal-Mulej. Il-qari tal-Quddiesa tal-Griżma jitfa' dawl fuq l-uffiċċju Messjaniku ta' Kristu li jitkompla fil-Knisja permezz tas-sagramenti.

## IV. IT-TLITT IJIEM IMQADDSA TA' L-GĦID U ŻMIEN IL-GĦID

### a) It-Tlitt ijiem Imqaddsa tal-Għid

99. F'Ħamis ix-Xirka, fil-Quddiesa ta' filgħaxija, it-tifkira ta' l-ikla qabel il-Passjoni, iddawwal b'mod speċjali kemm l-eżempju ta' Kristu li jaħsel saqajn l-appostli u kemm kliem San Pawl dwar l-Għid nisrani fl-Ewkaristija.

L-azzjoni liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira tilħaq il-qofol tagħha bir-rakkont tal-passjoni skond San Ġwann; il-Qaddej ta' Jaħweħ imħabbar fil-Ktieb ta' Isaija, sar tassew is-saċerdot waħdieni li offra lilu nnifsu lill-Missier.

Fil-Vġili tal-Għid, tul il-lejl qaddis jinqraw seba' lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim, li jfakkruna fl-għeġubijiet ta' Alla fil-ġrajja tas-salvazzjoni, u żewġ lezzjonijiet mit-Testment il-Ġdid, waħda t-tħabbira tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu skond it-tliet Evanġelji Sinottiċi, u l-oħra kliem l-Appostlu San Pawl dwar il-Magħmudija bħala sagrament tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu.

Il-qari ta' l-Evanġelju nhar il-ġurnata tal-Għid hu meħud minn San Ġwann fejn isemmi l-qabar li nstab vojt. Iżda jista' jintuża l-qari ta' l-Evanġelju tal-Vġili tal-Għid, jew, fil-Quddiesa ta' filgħaxija, jinqara r-rakkont mill-Evanġelju ta' San Luqa tad-dehra ta' Kristu lid-dixxipli li kienu sejrin Għemmaws. L-ewwel qari hu meħud mill-Atti ta' l-Appostli, li tul iż-żmien kollu tal-Għid jieħu post il-qari mit-Testment il-Qadim. Il-qari mill-Appostlu San Pawl isemmi kif ngħixu fil-Knisja l-misteru tal-Għid.

### b) Fil-Ħdud

100. Sat-tielet Ħadd tal-Għid, is-siltiet ta' l-Evanġelju jirrakkuntaw id-dehriet tal-Mulej wara li qam mill-imwiet. L-Evanġelju tar-Ragħaj it-Tajjeb tqiegħed fir-raba' Ħadd tal-Għid. Fil-ħames, fis-sitta u fis-seba' Ħadd tal-Għid tqiegħdu siltiet mid-diskors u mit-talba tal-Mulej fl-ikla ta' l-aħħar.

L-ewwel qari ttieħed mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, f'ċiklu ta' tliet snin, b'ċertu paralleliżmu u sens ta' żvilupp: b'hekk ta' kull sena jinqraw lezzjonijiet dwar il-ħajja, ix-xhieda u l-mixja tal-Knisja fil-bidu tagħha.

Il-lezzjoni ta' l-Appostlu, fis-Sena A, hija l-Ewwel Ittra ta' San Pietru, fis-Sena B, hija l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, u fis-Sena Ċ il-Ktieb ta l-Apokalissi: dawn it-testi jaqblu ħafna ma' l-ispirtu ta' fidi hienja u tama qawwija li hu proprju għal dan iż-żmien.

### ċ) Fil-ferji

101. L-ewwel lezzjoni hi mill-Atti ta' l-Appostli bħal fil-Ħdud, iżda b'mod semi-kontinwu.

Fl-ottava tal-Għid, l-Evanġelji jirrakkuntaw id-dehriet tal-Mulej wara l-qawmien tiegħu. It-testi b'karattru tal-Għid issa ttieħdu mill-Evanġelju ta' San Ġwann; għalhekk mit-tieni ġimgħa tal-Għid, jerġa' jaqbad il-qari semi-kontinwu ta' dan l-Evanġelju li jkun inbeda fir-Randan. Ħafna minn dawn il-lezzjonijiet ta' żmien il-Għid huma mid-diskors u t-talba tal-Mulej fl-ikla ta' l-aħħar.

### d) Is-solennitajiet tat-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema u ta' Għid il-Ħamsin

102. Is-solennità tat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema għandha bħala l-ewwel qari r-rakkont tal-ġrajja skond l-Atti ta' l-Appostli: dan it-test jitwettaq bil-qari mill-kitba ta' l-Appostlu dwar Kristu li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier. Il-qari ta' l-Evanġelju hu proprju għal kull ċiklu skond l-Evanġelista li jkun.

Għall-Quddiesa tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin hemm erba' lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim u kull waħda turi xi tifsir mill-ħafna li għandha din is-solennità – jintgħażel qari wieħed. It-tieni qari juri x'inhi l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja. L-Evanġelju jfakkar il-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu magħmula minn Kristu qabel ma ġie gglorifikat.

Għall-Quddiesa tal-jum, skond id-drawwa, bħala l-ewwel qari hemm ir-rakkont tal-ġrajja kbira ta' Għid il-Ħamsin; il-qari minn San Pawl isemmi l-effetti tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tal-Knisja. Il-qari ta' l-Evanġelju jfakkar l-għoti ta' l-Ispirtu s-Santu minn Kristu lid-dixxipli nhar l-Għid filgħaxija; testi oħra, li wieħed juża jekk irid, jitkellmu fuq il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fid-dixxipli u fil-Knisja.

## V. IŻ-ŻMIEN TA' MATUL IS-SENA

### a) Tqassim u għażla tal-qari

103. Iż-żmien ta' *matul is-sena* jibda mill-għada tal-Ħadd li jaħbat wara s-6 ta' Jannar, u jibqa' sejjer sat-Tlieta lejlet Ras ir-Randan; imbagħad jerġa' jibda mill-għada ta' Għid il-Ħamsin u jagħlaq qabel l-ewwel Għasar ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent.

Hemm qari għal kull wieħed mill-34 Ħadd u għal kull ġurnata tal-ġimgħat tagħhom, iżda l-ġimgħat taż-żmien ta' *matul is-sena* ġieli jkunu 33 biss. Barra minn dan, xi Ħdud taż-żmien ta' *matul is-sena* huma marbuta ma' żmien liturġiku ieħor tas-sena (bħal Ħadd li fih issir il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej, u l-Ħadd ta' Għid il-Ħamsin) waqt li f'oħrajn taħbat dejjem xi solennità (bħal dik tat-Trinità Qaddisa jew ta' Kristu Re).

104. Biex ikun hemm użu tajjeb tal-qari fiż-żmien ta' *matul is-sena*, wieħed iżomm quddiem għajnejh dan li ġej:

i. Il-Ħadd li fih issir il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej jitqies bħala l-ewwel Ħadd taż-żmien ta' *matul is-sena* u mill-għada, it-Tnejn jibdew il-lezzjonijiet ta' l-ewwel ġimgħa. Iżda jekk il-Magħmudija tal-Mulej issir it-Tnejn ta' wara l-Ħadd li fih issir l-Epifanija, il-qari ta' l-ewwel ġimgħa jibda t-Tlieta.

ii. Il-Ħadd li jaħbat wara l-festa tal-Magħmudija tal-Mulej huwa t-tieni Ħadd taż-żmien ta' "matul is-sena", ta' warajh huwa t-tielet Ħadd, u jibqgħu sejrin hekk wieħed wara l-ieħor sal-Ħadd qabel Ras ir-Randan. Il-lezzjonijiet tal-ġimgħa ta' Ras ir-Randan jinqatgħu wara l-Quddiesa tal-ġurnata tat-Tlieta.

iii. Il-lezzjonijiet taż-żmien ta' *matul is-sena* jerġgħu jibdew mill-għada ta' Għid il-Ħamsin, skond dan l-ordni:

- Jekk il-Ħdud taż-żmien ta' *matul is-sena* jkunu 34, jinqraw il-lezzjonijiet tal-ġimgħa li jkun imiss minnufih wara dik il-ġimgħa li l-lezzjonjiet tagħha jkunu nqatgħu fin-nofs minħabba r-Randan.[115]

- Jekk il-Ħdud taż-żmien ta' *matul is-sena* jkunu 33 biss, titħalla barra dik il-ġimgħa li kienet tibda mill-għada ta' Għid il-Ħamsin kieku l-Ħdud kienu 34. Dan isir biex fl-aħħar tas-sena liturġika ma jintilef xejn mit-testi eskatoloġiċi magħżula għall-aħħar ġimagħtejn taż-żmien ta' *matul is-sena*.[116]

### b) Il-qari għall-Ħdud

#### 1. *Qari mill-Evanġelju*

105. Fit-tieni Ħadd taż-żmien ta' *matul is-sena*, l-Evanġelju jkompli jitkellem fuq il-manifestazzjoni tal-Mulej iċċelebrata fis-solennità ta' l-Epifanja, skond it-tradizzjoni, jiġifieri tat-tieġ ta' Kana, u żewġ siltiet oħra mill-istess Evanġelju ta' San Ġwann.

Mit-tielet Ħadd jibda l-qari semi-kontinwu tat-tliet Evanġelji sinottiċi mqassam b'mod li juri tajjeb id-dottrina li ried jagħti kull wieħed mill-evanġelisti huwa u jiżvolġi l-ħajja u l-predikazzjoni tal-Mulej.

Dan it-tqassim iġib ukoll armonija bejn it-tifsira ta' kull wieħed mill-Evanġelji u l-iżvolġiment tas-sena liturġika. Infatti, wara l-Epifanija jinqraw siltiet dwar il-bidu tal-predikazzjoni tal-Mulej li jintrabtu tajjeb ħafna mal-Magħmudija u ma' l-ewwel manifestazzjonijiet tal-Mulej, kif hemm fil-lezzjonijiet ta' l-Epifanija u l-Ħdud ta' warajha. Il-qari li jsir fl-aħħar ġranet tas-sena liturġika jwassal minnu nnifsu għat-tema eskatoloġika li hu proprju ta' l-aħħar Ħdud; fihom jinqraw it-testi evanġeliċi ta' qabel ir-rakkont tal-Passjoni, li ftit jew wisq fit-tul għandhom diskorsi eskatoloġiċi.

Fis-Sena B, wara s-sittax-il Ħadd hemm ħames siltiet mill-kapitlu 6 ta' l-Evanġelju ta' San Ġwann (fuq "il-ħobż ħaj li jagħti l-ħajja"); dawn daħlu hawn qisu b'mod naturali, għax ir-rakkont tat-tkattir tal-ħobż li ttieħed minn San Ġwann ħa post is-silta parallela minn San Mark. Fis-Sena Ċ isir il-qari semi-kontinwu ta' l-Evanġelju ta' San Luqa; l-ewwel silta tiegħu dik li tinqara fit-tielet Ħadd tibda bil-prologu ta' l-istess Evanġelju, li jfisser sewwa l-iskop ta' l-awtur u li donnu mkien ieħor ma kien postu.

*2. Qari mit-Testment il-Qadim*

106. L-għażla ta' dan il-qari saret b'rabta ma' l-Evanġelju biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil bejn qari u ieħor fl-istess Quddiesa, u fuq kollox biex tintwera l-għaqda bejn iż-żewġ Testmenti. It-titli magħżula bil-għaqal, li tqiegħdu qabel kull qari, ikomplu juru iżjed ir-rabta li hemm bejn qari u ieħor fl-istess Quddiesa.

Intgħażlu testi kemm jista' jkun qosra u ħfief, imma wkoll bil-ħsieb li fil-Ħdud jinqraw ħafna mis-siltiet l-iktar importanti tat-Testment il-Qadim. Dawn tqassmu b'mod biex kull waħda tkun torbot ma' l-Evanġelju li jinqara magħha; jiġifieri ma nżamm ebda ordni tabilħaqq loġiku fit-tqassim tagħhom; madankollu t-teżor tal-Kelma ta' Alla jinfetaħ sewwa biħom, u l-fidili li jieħdu sehem fil-Quddies tal-Ħdud jistgħu jisimgħu l-paġni ewlenin tat-Testment il-Qadim kollu.

*3. Qari mill-Appostlu*

107. Fi żmien ta' *matul is-sena* hemm il-qari semi-kontinwu ta' l-ittri ta' San Pawl u San Ġakbu; (dawk ta' San Pietru u San Ġwann jinqraw fi żmien il-Għid u l-Milied).

L-ewwel ittra lill-Korintin, billi hi twila biżżejjed u tiġbor fiha kwestjonijiet diversi, tqassmet fit-tliet snin taċ-ċiklu fil-bidu taż-żmien ta' *matul is-sena*. L-Ittra lil-Lhud ukoll tqassmet fi tnejn u l-ewwel taqsima tħalliet għas-Sena B u l-oħra għas-Sena Ċ.

Kif kulħadd jista' jara, intgħażlu lezzjonijiet qsar biżżejjed li m'humiex tqal wisq għall-fidili biex jifhmuhom.

It-tabella II li tinsab fi tmiem dan it-tagħrif[117] turi t-tqassim ta' l-Ittri ta' l-Appostli tul il-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena fiċ-ċiklu ta' tliet snin.

## c) Il-qari tas-solennitajiet tal-Mulej fiż-żmien ta' matul is-sena

108. Fis-solennitajiet tat-Trinità Qaddisa, tal-Ġisem u tad-Demm ta' Kristu u tal-Qalb ta' Ġesù, il-qari li ntgħażel jaqbel ħafna mas-solennità li tkun.

Il-qari ta' l-34 jew l-aħħar Ħadd taż-żmien ta' *matul is-sena* jiċċelebra lil Kristu s-Sultan tal-ħolqien kollu, li s-sultan David hu xbieha tiegħu. Intgħażlu testi li jxandru lil Kristu Sultan fit-tbatijiet tal-passjoni u tas-salib, u li issa jsaltan fil-Knisja u jerġa' jiġi fl-aħħar taż-żmien.

### d) Il-qari għall-ferji

109. Mill-Evanġelji, l-ewwel jinqara San Mark (mill-I sad- IX ġimgħa), imbagħad San Mattew (mill-X sal-XXI ġimgħa), u fl-aħħar San Luqa (mit-XXII sa l-XXXIV ġimgħa). L-ewwel tnax-il kapitlu ta' San Mark jinqraw kollha barra żewġ siltiet mill-kapitlu 6 li jinqraw fil-ferji ta' żminijiet oħra. Minn San Mattew u San Luqa jinqara dan kollu li ma jinsabx f'San Mark. Xi episodji huma komuni għat-tliet sinottiċi, imma kull wieħed mill-Evanġelisti jirrakkuntah b'xejra proprja; għalhekk huma mtennija darba jew tnejn, kemm għar-raġuni li semmejna u kemm għax huma mitluba mill-istess nisġa' ta' kull wieħed mill-Evanġelji. Fl-aħħar tas-sena jinqara d-diskors sħiħ eskatoloġiku ta' San Luqa.

110. It-tqassim ta' l-ewwel qari matul il-ġimgħa jkun daqqa mit-Testment il-Qadim u daqqa mill-Ġdid, skond it-tul ta' kull ktieb li jinqara.

Mit-Testment il-Ġdid jinqraw siltiet biżżejjed twal biex tingħata qisha s-sustanza ta' kull Ittra.

Mit-Testment il-Qadim ma setax ikun li jidħol kollox, għalhekk intagħżlu biss siltiet li kemm jista' jkun juru l-karattru ta' kull ktieb. It-testi storiċi li ntgħażlu jagħtu ħarsa lejn l-istorja tas-salvazzjoni qabel l-Inkarnazzjoni tal-Mulej. Minn rakkonti oħra, li ma setgħux jidħlu sħaħ minħabba t-tul tagħhom intgħażlu biss xi versetti biex il-qari ma jkunx twil iżżejjed. Ċerti ġrajjiet storiċi għandhom tifsira reliġjuża għalihom fil-Kotba Sapjenzjali: it-testi ta' dawn it-tifsiriet tqiegħdu bħala daħla jew għeluq qabel jew wara sensiela ta' lezzjonijiet storiċi relattivi.

Fil-Proprju taż-Żmien tal-Lezzjonarju ferjali daħlu tista' tgħid siltiet mill-kotba kollha tat-Testment il-Qadim. Tħallew barra biss l-iqsar kotba fost il-profetiċi (Għabdija, Sofonija) u l-ktieb poetiku (Il-Għanja tal-Għanjiet). Fost ir-rakkonti miktuba bħala tagħlima hemm kotba li, biex wieħed jifhimhom sewwa, kienu jitolbu qari twil ħafna. Għalhekk intużaw biss Rut u Tobija u tħallew barra Ester u Ġuditta li xi testi minnhom jintużaw fil-Ħdud jew fil-ferji ta' żminijiet liturġiċi oħra.

Fl-aħħar ġranet tas-sena liturġika jinqraw il-Kotba ta' Danjel u ta' l-Apokalissi li jfissru l-karattru eskatoloġiku ta' din it-taqsima tas-sena.

It-tabella III[118] turi t-tqassim tal-Kotba ta' l-Iskrittura għall-ferji matul is-sena tul is-sentejn taċ-ċiklu.

Kapitlu VI

## Adattament u Traduzzjonijiet fil-Lingwi Nazzjonali L-Apparat fit-Tqassim ta' Kull Qari

### I. ADATTAMENT U TRADUZZJONIJIET

111. Il-Kelma ta' Alla fl-laqgħa liturġika trid dejjem titħabbar jew bil-Latin mit-testi mħejjija mis-Santa Sede, jew bl-ilsien tal-post skond testi approvati għall-użu liturġiku mill-Konferenza Episkopali, skond in-normi li hemm illum.[119]

112. Meta ssir traduzzjoni tal-Lezzjonarju, dan għandu jinqaleb kollu kemm hu, bit-taqsimiet kollha tiegħu, mingħajr ma jitħalla barra t-tagħrif ta' qabel. Jekk xi Konferenza Episkopali jidhrilha li għandha tagħmel xi adattamenti, dawn għandhom isiru wara li jiġu approvati mis-Santa Sede.[120]

113. Minħabba l-kobor tal-Lezzjonarju, jaqbel li jiġi ppubblikat f'aktar minn volum wieħed. Ma hemm ebda regola dwar it-taqsim, iżda f'kull volum għandu jkun hemm tifsira ta' l-istruttura u ta' l-għan tal-parti li tkun fil-volum.

Hi rakkomandata ħafna d-drawwa antika li l-Evanġelju jkun fi ktieb għalih u mhux mal-qari l-ieħor mit-Testment il-Qadim u l-Ġdid.

Jaqbel ukoll li l-Lezzjonarju tal-Ħdud – b'xi partijiet ukoll tal-Proprju tal-Qaddisin – ikun separat mil-Lezzjonarju ferjali. Il-Lezzjonarju tal-Ħdud jaqbel ukoll li jkun maqsum fi tliet volumi, wieħed għal kull ċiklu, biex il-qari tas-sena li tkun jiġi Ħadd wara ieħor.

Iżda l-Lezzjonarju jista' jkollu tqassim ieħor skond ma jkunu jitolbu l-ħtiġijiet pastorali.

114. It-testi tal-kant għandhom jiġu stampati flimkien mal-lezzjonijiet; iżda jista' jkun hemm volumi bil-kant biss. Hu rakkomandat li test meta jiġi stampat jitqassam fi strofi.

115. Meta qari għandu aktar minn parti waħda, dan irid jidher meta t-test ikun stampat. Hu rakkomandat ukoll li t-testi kollha, ukoll jekk m'humiex poeżija, jitqassmu f'versi, biex jeħfief il-qari tagħhom fl-assemblea liturġika.

116. Meta hemm sura twila jew sura qasira ta' xi qari, iż-żewġ suriet għandhom jiġu stampati separatament; meta dan ma jkunx jaqbel għandu jinsab mod, kif it-test jiġi stampat, ħalli jkun faċli li wieħed jaqra s-sura t-twila jew il-qasira, mingħajr ma jitfixkel.

117. It-testi fl-ilsna tal-lum m'għandhomx ikunu neqsin mit-titlu tagħhom. Mat-titlu, jekk tinħass il-ħtieġa, tista' tiżdied xi twissija li tfisser aktar ċar il-ħsieb ġenerali tas-silta. Dawn it-twissijiet għandhom jiġu stampati b'mod li jkun jidher ċar li m'humiex it-test tal-qari u mhux bilfors iridu jinqraw.[121]

118. Kull volum għandu jkollu werrej tal-qari kollu mill-Iskrittura bħalma hemm fit-test uffiċjali Latin[122], biex tkun ħaġa ħafifa ssib mil-Lezzjonarju s-siltiet mill-Iskrittura li wieħed ikollu bżonn għal xi okkażjoni.

## II. L-APPARAT TA' KULL LEZZJONI

Għal kull qari, fil-verżjoni uffiċjali Latina, hemm imniżżel dan it-tagħrif: l-isem tal-Ktieb li minnu hu meħud bil-kapitlu u l-versetti, it-titlu, u l-mod kif għandu jinbeda.

### a) L-indikazzjoni tat-test

119. Fl-edizzjoni tipika Latina, l-indikazzjoni tat-test (jiġifieri l-kapitlu u l-versetti), barra mis-Salmi, hija mniżżla dejjem skond in-Neo Vulgata; iżda fejn hemm bżonn, fil-parentesi jingħataw ukoll il-kapitlu u l-versetti skond it-test oriġinali (Lhudi, Aramajk jew Grieg). Fl-edizzjonijiet bl-ilsna tal-post, l-Awtoritajiet lokali kompetenti jiddeċiedu jekk il-lezzjonijiet jingħatawx skond il-Vulgata jew it-test oriġinali. Għalhekk jeħtieġ li f'kull lezzjoni jintwera sewwa minn fejn hi meħuda.[123]

120. L-isem tal-Ktieb, imniżżel fil-bidu ta' kull lezzjoni, jinqara dejjem fiċ-ċelebrazzjoni. Din "il-preżentazzjoni" trid issir skond ir-regoli li ġejjin li iżda jistgħu jitbiddlu mill-Awtoritajiet lokali kompetenti skond il-ħtieġa ta' l-ilsien u tad-drawwa tal-post.

121. i) Jingħad dejjem *Qari mill-Ktieb*, jew *mill-Ittra*, jew *mill-Evanġelju*, u mhux *Bidu* (ħlief f'każi partikolari meta jidher li jkun jaqbel) u anqas *Ikompli.*

122. ii) L-ismijiet tal-Kotba jingħataw kif kien isir sa issa, barra dan li ġej:

a. Fejn hemm żewġ kotba bl-istess isem, jingħad *mill-Ewwel Ktieb* u *mit-Tieni Ktieb* (per eżempju tas-Slaten, tal-Makkabej eċċ.), jew *mill-Ewwel Ittra, mit-Tieni Ittra;*

b. L-ismijiet tal-Kotba li ġejjin jinqraw kif se ngħidu:
   † *L-Ewwel u t-Tieni Ktieb ta' Samwel,* mhux l-Ewwel u t-Tieni Ktieb tas-Slaten,
   † *L-Ewwel u t-Tieni Ktieb tas-Slaten,* mhux it-Tielet u r-Raba' Ktieb tas-Slaten,
   † *L-Ewwel u t-Tieni Ktieb tal-Kronaki,* mhux l-Ewwel u t-Tieni Ktieb tal-Paralipomeni,
   † *Il-Ktieb ta' Esdra u l-Ktieb ta' Neħemija,* mhux l-Ewwel u t-Tieni Ktieb ta' Esdra;

ċ. Il-kotba sapjenzali jibdew jingħadu bl-isem proprju tagħhom, jiġifieri: Il-Ktieb ta' Ġob, tal-Proverbji, ta' Qoħelet, tal-Għanja tal-Għanjiet, tal-Għerf, ta' Bin Sirak;

d. Għall-kotba kollha li n-Neo Vulgata tniżżilhom fost il-Profeti jingħad *Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija, Ġeremija, Baruk, Eżekjel, Danjel, Hosegħa, Malakija,* ukoll jekk xi wħud ma jżommuhomx bħala tassew profetiċi;

e. Jingħad *mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet* u *mill-Ittra lil-Lhud* bla ma jissemmew Ġeremija jew San Pawl.

### b) It-titlu

123. Kull test għandu titlu magħżul bir-reqqa, kważi dejjem mill-istess kliem tat-test, kemm biex jissemma s-suġġett ewlieni tal-qari, kif ukoll biex, fejn jinħtieġ, ikun ta' għajnuna ħalli r-rabta bejn il-qari fl-istess Quddiesa tidher aħjar.

### ċ) Il-bidu

124. Il-qari jibda bid-daħla tas-soltu: *F'dak iż-żmien, Ħuti, Għeżież, Dan jgħid il-Mulej.* Iżda din id-daħla titħalla barra jekk it-test minnu nnifsu juri biżżejjed iż-żmien jew il-persuni jew jekk in-natura stess tat-test titlob li din id-daħla ma tingħadx. L-Awtoritajiet lokali kompetenti jiddeċiedu jekk il-formoli tad-daħla li semmejna hawn fuq jinbidlux ma' oħrajn jew jitħallewx barra għal kollox.

Wara d-daħla jinbeda t-test proprju tal-lezzjoni, b'xi kelmiet imnaqqsa jew miżjuda meta jkun meħtieġ biex wieħed jifhem aħjar it-test mifrud mill-kuntest tiegħu. Fejn test jingħata b'versetti maqbuża – u minħabba f'hekk ikollu jieħu xi tibdil ċkejken – dan jintwera kif imiss.

### d) L-akklamazzjoni tat-tmiem

125. Fi tmien il-lezzjoni, biex wieħed jgħin l-akklamazzjoni tal-poplu, jiġu stampati l-kelmiet *"Il-Kelma tal-Mulej"* li għandhom jingħadu mil-lettur; minflok dawn il-kelmiet jistgħu jingħadu oħrajn aktar adatti għad-drawwiet lokali.

Tabella I: **Iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewlenin tas-Sena Liturġika**

| Sena | L-Erbgħa ta' l-Irmied | L-Għid il-Kbir | Tlugħ il-Mulej fis-sema | Għid Il-Ħamsin | Ġimgħat "matul is-Sena" | | | | L-1 Ħadd ta' l-Avvent |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Qabel ir-Randan | | Wara Għid il-Ħamsin | | |
| | | | | | sal-jum | ġimgħat | mill-jum | mill-ġimgħa | |
| 2008 | 6 Frar | 23 Marzu | 4 Mejju | 11 Mejju | 5 Frar | 4 | 12 Mejju | 6 | 30 Novembru |
| 2009 | 25 Frar | 12 April | 24 Mejju | 31 Mejju | 24 Frar | 7 | 1 Ġunju | 9 | 29 Novembru |
| 2010 | 17 Frar | 4 April | 16 Mejju | 23 Mejju | 16 Frar | 6 | 24 Mejju | 8 | 28 Novembru |
| 2011 | 9 Marzu | 24 April | 5 Ġunju | 12 Ġunju | 8 Marzu | 9 | 13 Ġunju | 11 | 27 Novembru |
| 2012 | 21 Frar | 8 April | 20 Mejju | 27 Mejju | 20 Frar | 7 | 28 Mejju | 8 | 2 Diċembru |
| 2013 | 13 Frar | 31 Marzu | 12 Mejju | 19 Mejju | 12 Frar | 5 | 20 Mejju | 7 | 1 Diċembru |
| 2014 | 5 Marzu | 20 April | 1 Ġunju | 8 Ġunju | 4 Marzu | 8 | 9 Ġunju | 10 | 30 Novembru |
| 2015 | 18 Frar | 5 April | 17 Mejju | 24 Mejju | 17 Frar | 6 | 25 Mejju | 8 | 29 Novembru |
| 2016 | 9 Frar | 27 Marzu | 8 Mejju | 15 Mejju | 8 Frar | 5 | 16 Mejju | 7 | 27 Novembru |
| 2017 | 1 Marzu | 16 April | 28 Mejju | 4 Ġunju | 28 Frar | 8 | 5 Ġunju | 9 | 3 Diċembru |
| 2018 | 14 Frar | 1 April | 13 Mejju | 20 Mejju | 13 Frar | 6 | 21 Mejju | 7 | 2 Diċembru |
| 2019 | 6 Marzu | 21 April | 2 Ġunju | 9 Ġunju | 5 Marzu | 8 | 10 Ġunju | 10 | 1 Diċembru |
| 2020 | 25 Frar | 12 April | 24 Mejju | 31 Mejju | 24 Frar | 7 | 1 Ġunju | 9 | 29 Novembru |
| 2021 | 17 Frar | 4 April | 16 Mejju | 23 Mejju | 16 Frar | 6 | 24 Mejju | 8 | 28 Novembru |
| 2022 | 2 Marzu | 17 April | 29 Mejju | 5 Ġunju | 1 Marzu | 8 | 6 Ġunju | 10 | 27 Novembru |
| 2023 | 22 Frar | 9 April | 21 Mejju | 28 Mejju | 21 Frar | 7 | 29 Mejju | 8 | 3 Diċembru |

Tabella II: **Tqassim tat-tieni qari fil-Ħdud taż-żmien ta'** *matul is-sena*

| Ħadd | Sena A | Sena B | Sena Ċ |
|---:|---|---|---|
| 2 | 1 Korintin, 1-4 | 1Korintin, 6-11 | 1 Korintin, 12-15 |
| 3 | 1Korintin, 1-4 | 1Korintin, 6-11 | 1 Korintin, 12-15 |
| 4 | 1 Korintin, 1-4 | 1Korintin, 6-11 | 1 Korintin, 12-15 |
| 5 | 1 Korintin, 1-4 | 1Korintin, 6-11 | 1 Korintin, 12-15 |
| 6 | 1 Korintin, 1-4 | 1Korintin, 6-11 | 1 Korintin, 12-15 |
| 7 | 1 Korintin, 1-4 | 2 Korintin | 1 Korintin, 12-15 |
| 8 | 1 Korintin, 1-4 | 2 Korintin | 1 Korintin, 12-15 |
| 9 | Rumani | 2 Korintin | Galatin |
| 10 | Rumani | 2 Korintin | Galatin |
| 11 | Rumani | 2 Korintin | Galatin |
| 12 | Rumani | 2 Korintin | Galatin |
| 13 | Rumani | 2 Korintin | Galatin |
| 14 | Rumani | 2 Korintin | Galatin |
| 15 | Rumani | Efesin | Kolossin |
| 16 | Rumani | Efesin | Kolossin |
| 17 | Rumani | Efesin | Kolossin |
| 18 | Rumani | Efesin | Kolossin |
| 19 | Rumani | Efesin | Lhud, 11-12 |
| 20 | Rumani | Efesin | Lhud, 11-12 |
| 21 | Rumani | Efesin | Lhud, 11-12 |
| 22 | Rumani | Ġakbu | Lhud, 11-12 |
| 23 | Rumani | Ġakbu | Filemon |
| 24 | Rumani | Ġakbu | 1 Timotju |
| 25 | Filippin | Ġakbu | 1 Timotju |
| 26 | Filippin | Ġakbu | 1 Timotju |
| 27 | Filippin | Lhud, 2-10 | 2 Timotju |
| 28 | Filippin | Lhud, 2-10 | 2 Timotju |
| 29 | 1 Tessalonkin | Lhud, 2-10 | 2 Timotju |
| 30 | 1 Tessalonkin | Lhud, 2-10 | 2 Timotju |
| 31 | 1 Tessalonkin | Lhud, 2-10 | 2 Tessalonkin |
| 32 | 1 Tessalonkin | Lhud, 2-10 | 2 Tessalonkin |
| 33 | 1 Tessalonkin | Lhud, 2-10 | 2 Tessalonkin |

Tabella III: **Tqassim ta' l-ewwel qari fil-ferji taż-żmien ta'** *matul is-sena*

| Ġimgħa | Sena I | Sena II |
|---|---|---|
| 1 | Lhud | 1 Samwel |
| 2 | Lhud | 1 Samwel |
| 3 | Lhud | 2 Samwel |
| 4 | Lhud | 2 Samwel; 1 Slaten 1-16 |
| 5 | Ġenesi, 1-11 | 1 Slaten 1-16 |
| 6 | Ġenesi, 1-11 | San Ġakbu |
| 7 | Bin Sirak | San Ġakbu |
| 8 | Bin Sirak | 1 Pietru; Ġuda |
| 9 | Tobija | 2 Pietru; 2 Timotju |
| 10 | 2 Korintin | 1 Slaten, 17-22 |
| 11 | 2 Korintin | 1 Slaten, 17-22; 2 Slaten |
| 12 | Ġenesi, 12-50 | 2 Slaten; Lamentazzjonijiet |
| 13 | Ġenesi, 12-50 | Għamos |
| 14 | Ġenesi, 12-50 | Ħosegħa; Isaija |
| 15 | Eżodu | Isaija; Mikea |
| 16 | Eżodu | Mikea; Ġeremija |
| 17 | Eżodu; Levitiku | Ġeremija |
| 18 | Numri; Dewteronomju | Ġeremija; Nahum; Habbaqquq |
| 19 | Dewteronomju; Ġożwè | Eżekjel |
| 20 | Mħallfin; Rut | Eżekjel |
| 21 | 1 Tessalonkin | 2 Tessalonkin; 1 Korintin |
| 22 | 1 Tessalonkin; Kolossin | 1 Korintin |
| 23 | Kolossin; 1 Timotju | 1 Korintin |
| 24 | 1 Timotju | 1 Korintin |
| 25 | Esdra; Ħaggaj; Żakkarija | Proverbji; Qoħelet |
| 26 | Żakkarija; Neħemija; Baruk | Ġob |
| 27 | Ġona; Malakija; Ġoel | Galatin |
| 28 | Rumani | Galatin; Efesin |
| 29 | Rumani | Efesin |
| 30 | Rumani | Efesin |
| 31 | Rumani | Efesin; Filippin |
| 32 | Għerf | Titu; Filemon; 2 u 3 Ġwanni |
| 33 | 1u 2 Makkabin | Apokalissi |
| 34 | Danjel | Apokalissi |

## Noti

1. Ara b'mod speċjali Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 7, 24, 33, 35, 48, 51, 52, 56; Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, nn. 1, 21, 25, 26; Digriet dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja, *Ad gentes*, n. 6; Konċilju Vatikan it-Tieni, Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, *Presbyterorum Ordinis*, n. 18.
2. Ara kull ma qalu u kitbu l-Papiet, b'mod speċjali: Pawlu VI, Motu Proprio, *Ministeria quaedam*, 15 ta' Awissu 1972, n. V: *Acta Apostolicae Sedis* [*AAS*] 64 (1972) 532; Eżortazzjoni Appostolika, *Marialis cultus*, 2 ta' Frar 1974, n. 12: *AAS* 66 (1974) 125-126; Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii nuntiandi*, 8 ta' Diċembru 1975, n. 28: *AAS* 68 (1976) 24-25, n. 43: *ibid*. pp. 33-34, n. 47: *ibid*. pp. 36-37; Ġwanni Pawlu II, Kostituzzjoni Appostolika, *Scripturarum thesaurus*, 25 ta' April 1979 f'*Nova Vulgata Bibliorum Sacrorum editione,* Typis Polyglottis Vaticanis 1979, pp. V-VIII; Eżortazzjoni Appostolika, *Catechesi tradendae*, 16 ta' Ottubru 1979, nn. 23, 27, 48: *AAS* 71 (1979) 1296-1297, 1298-1299, 1316; Ittra, *Dominicae Cenae*, 24 ta' Frar 1980, n. 10: *AAS* 72 (1980) 134-137.
3. Ara Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni *Eucharisticum mysterium*, 25 ta' Mejju 1967, n. 10: *AAS* 59 (1967) 547-548; Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, Istruzzjoni *Liturgicae instaurationes*, 5 ta' Settembru 1970, n. 2: *AAS* 62 (1970) 695-696; Sagra Kongregazzjoni għall-Kleru, *Directorium catechesticum generale*, 11 ta' April 1971: *AAS* 64 (1972) 106-107; n. 25: *ibid*., p. 114; Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, *Institutio Generalis Missalis Romani* , nn. 9, 11, 24, 33, 60, 62, 316, 320; Sagra Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, Istruzzjoni dwar il-formazzjoni liturġika fis-seminarji, *In Ecclesiasticam de institutione liturgica in seminariis*, 3 ta' Ġunju 1979, nn. 11, 52; *ibid*., Appendix, n. 15; Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni *Inaestimabile Donum*, 3 ta' April 1980, nn. 1, 2, 3; *AAS* 72 (1980) 333-334.
4. Ara *Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo lectionum Missae* (Typis Polyglottis Vaticanis, 1969), pp. IX-XII ( *Praenotanda* ); Digriet tal-promulgazzjoni: *AAS* 61 (1969) 548-549.
5. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 35, 56; Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii nuntiandi*, 8 ta' Diċembru 1975, nn 28, 47: *AAS* 68 (1976) 24-25, 36-37; Ittra, *Dominicae Cenae*, 24 ta' Frar 1980, nn. 10, 11, 12: *AAS* 72 (1980) 134-146.
6. Per eżempju, il-frażijiet "Il-Kelma ta' Alla," "Skrittura Mqaddsa," "It-Testment il-Qadim" u "It-Testment il-Ġdid," "Qari tal-Kelma ta' Alla," "Qari mill-Iskrittura," "Ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla," eċċ.
7. L-istess silta tista' tinqara u tintuża f'aktar minn okkażjoni jew ċelebrazzjoni waħda tal-Liturġija tal-Knisja. Dan ta' min jiftakar fih fl-omelija, fl-eseġesi pastorali u fil-katekeżi. Il-werrej tal-Lezzjonarju juri, per eżempju, kif kap. 6 jew kap. 8 ta' l-Ittra lir-Rumani jintuża fi żminijiet liturġiċi diversi u f'ċelebrazzjonijiet diversi tas-sagramenti u tas-sagramentali.
8. Ara Lq 4, 6-2 1; 24, 25-35, 44-49.
9. Hekk, per eżempju, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa, hemm il-proklamazzjoni, il-qari, eċċ. (Ara *Institutio Generalis Missalis Romani* , nn. 21, 23, 95, 131, 146, 234, 235). Hemm ukoll ċelebrazzjonijiet oħra tal-Kelma ta' Alla fil-*Pontificale Romanum*, fir- *Rituale Romanum*, u fil-*Liturgia Horarum*, kif imġedded bid-Digriet tal-Konċilju Vatikan it-Tieni.
10. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 7, 33; Mk 16,19-20; Mt 28, 20; Santu Wistin, *Sermo* 85, 1: "L-Evanġelju hu fomm Kristu. Qiegħed fis-sema imma ma jehdiex jitkellem fuq l-art": *PL* 38, 520; ara wkoll *In Io. Ev. tract.* XXX, 1: *PL* 35, 1632; *CCL* 36, 289; *Pontificale Romano Germanicum*: "Jinqara l-Evanġelju li fih Kristu jkellem b'fommu l-poplu biex ... l-Evanġelju jinstema' fil-Knisja qisu Kristu stess qiegħed ikellem lill-poplu" (ara C. Vogel & R. Elze, edd., *Le Pontifical romano-germanique du dixième siècle. Le Texte I*, Città del Vaticano, 1963, XCIV, 18, p. 334); jew "Mal-wasla ta' Kristu, jiġifieri, l-Evanġelju, inwarrbu l-bsaten tagħna, għaliex ma għandna bżonn ta' ebda għajnuna tal-bnedmin" (*ibid*. XCIV, 23, p. 335).
11. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 7.
12. Ara Lhud 4, 12.
13. Ara Santu Wistin, *Quaestionum in Heptateuchum liber* 2, 73: *PL* 34, 623; *CCL* 33, 106; Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 16.
14. Ara San Ġilormu: "Jekk, skond San Pawl (1 Kor 1, 24), Kristu hu l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla, min ma jafx l-Iskrittura ma jafx il-qawwa u l-għerf ta' Alla. Min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu" (*Commentarii in Isaiam prophetam, Prologus: PL* 24, 17A; *CCL* 73, 1); Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 25.
15. Ara 2 Kor 1, 20-22.
16. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 10.
17. Ara 2 Tess 3, 1.
18. Ara *Collectae, Pro Sancta Ecclesia*, f'*Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum* (Typis Polyglottis Vaticanis, 1975), pp. 786, 787, 790: San Ċiprijanu, *De oratione dominica* 23: *PL* 4, 553; CSEL 3/2, 285; *CCL* 3A, 105; Santu Wistin, *Sermo* 71, 20, 33: *PL* 38, 463f.
19. Ara *Collecta, Dominica XXI "per annum,"* f'*Missale Romanum*, p. 360.
20. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 8.
21. Ara Ġw 14, 15-17.25-26; 15, 26 -16, 15.
22. Konċilju Vatikan it-Tieni, Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, *Presbyterorum Ordinis*, n. 4.
23. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 51; Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, *Presbyterorum Ordinis*, n. 18; ukoll Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 21; Digriet dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja, *Ad gentes*, n. 6. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 8.
24. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 56.
25. *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 33.
26. Ara Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, Istruzzjoni, *Liturgicae instaurationes*, 5 ta' Settembru 1970, n. 2: *AAS* 62 (1970) 695-696; Ġwanni Pawlu II Ittra, *Dominicae Cenae*, 24 ta' Frar 1980, n. 10: *AAS* 72 (1980) 134-137; Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni, *Inaestimabile Donum*, 3 ta' April 1980, n. 1: *AAS* 72 (1980) 233.

27. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 33.
28. Ara n. 111 ta' din l-*Introduzzjoni għall-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.*
29. Ara *Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo cantus Missae*, editio typica 1972, Praenotanda, nn. 4, 6, 10.
30. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 11.
31. Ara *ibid*., n. 272; u nn. 32-34 ta' din l-*Introduzzjoni għall-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.*
32. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, nn. 35, 95.
33. Ara *ibid*., nn. 82-84.
34. Ara *ibid*., nn. 94, 131.
35. Ara *Ordo Missae cum populo*, 11, f'*Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum* (Typis Polyglottis Vaticanis, 1975), p. 388.
36. *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 36.
37. Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika, *Laudis canticum f'Liturgia horarum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instaurata auctoritate Pauli VI promulgata* (Typis Polyglottis Vaticanis 1971); Ara wkoll Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 24, 90; Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni, *Musicam sacram*, 5 ta' Marzu 1967, n. 39: *AAS* 59 (1967) 311; *Liturgia horarum, Instituto Generalis*, nn. 23, 109; Sagra Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *Ratio fundamentalis*, n. 53.
38. Ara nn. 89-90 ta' din l-Introduzzjoni għall-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.
39. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, nn. 18, 38.
40. Ara *ibid*., n. 272; u nn. 32ff ta' din l-*Introduzzjoni għall-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.*
41. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 39.
42. Ara *ibid*., no. 37-39; *Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo cantus Missae,* Praenotanda, no. 7-9; *Graduale Romanum,* 1974, Praenotanda, n. 7; *Graduale simplex,* editio typica altera 1975, Praenotanda, n. 16.
43. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 52; Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni, *Inter Oecumenici*, 26 ta' Settembru 1964, n. 54: *AAS* 56 (1964) 890.
44. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 42.
45. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 35, 2.
46. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 6, 47.
47. Ara Pawlu VI, Enċiklika, *Mysterium fidei*, 3 ta' Settembru 1965, n. 36: *AAS* 57 (1965) 753; Konċilju Vatikan it-Tieni, Digriet dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja *Ad gentes*, n. 9; Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii nuntiandi*, n. 43: *AAS* 69 (1976) 33-34.
48. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 35, 2; *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 41.
49. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 10.
50. Ara Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika, *Catechesi tradendae*, 16 ta' Ottubru 1979, n. 48: *AAS* 71 (1979) 1316.
51. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 165.
52. Ara *ibid*., n. 42; u wkoll Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni, *Eucharisticum Mysterium*, 25 ta' Mejju 1967, n. 28: *AAS* 59 (1967) 556-557.
53. Ara Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, Istruzzjoni, *Actio pastoralis*, 15 ta' Mejju 1969, n. 6g: *AAS* 61 (1969) 809; *Directorium de Missis cum pueris*, 1 ta' Novembru 1973, n. 48: *AAS* 66 (1974) 44.
54. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani* , nn. 42, 338; *Rituale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum, auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo celebrandi Matrimonium* (Typis Polyglottis Vaticanis, 1969), n. 22, 42, 57; *Ordo Exsequiarum* (Typis Polyglottis Vaticanis, 1969), n. 41, 64.
55. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 97.
56. Ara *ibid*., n. 139.
57. Ara *ibid*., n. 23.
58. Ara *ibid*., n. 43.
59. Ara *ibid*., n. 45.
60. Ara *ibid*., n. 99.
61. Ara *ibid*., n. 47.
62. Ara n. 23 ta' din l-*Introduzzjoni għall-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.*
63. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 272.
64. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 122.
65. Ara *Pontificale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum*, *De Ordinatione Diaconi, Presbyteri et Episcopi* (Typis Polyglottis Vaticanis 1968), p. 28, n. 24; p. 68, n. 21; p. 85, n. 24; p. 70, n. 25; p. 100, n. 25.
66. Ara nn. 78-91 ta' din l-*Introduzzjoni għall-Ordni għall-Qari tal-Quddiesa.*
67. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, nn. 318-320, 324-325.
68. Ara *ibid*., n. 313.
69. Ara *ibid*., n. 42; Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni, *Inaestimabile Donum*, n. 3: *AAS* 72 (1980) 334.
70. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 11.
71. Ara *ibid*., n. 68.
72. Ara *ibid*., nn. 33, 47.
73. Konċilju Vatikan it-Tieni, Digriet dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, *Presbyterorum Ordinis*, n. 4.
74. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 33.
75. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 9.
76. Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 7.
77. Ara *ibid*., n. 9.
78. Ara Rum 1, 16.
79. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 21.
80. Iċċitat f'*ibid.*
81. Ara Ġw 14, 15-26; 15, 26 – 16, 4.5-15.
82. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Digriet fuq il-ħidma missjunarja tal-Knisja, *Ad gentes*, nn. 6, 15; u wkoll Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 26.
83. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 24; u wkoll Sagra Kongregazzjoni għall-Kleru, *Directorium Catecheticum Generale*, 11 ta' April 1971, n. 25: *AAS* 64 (1972) 114.

84. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 56; ara wkoll Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni, *Inaestimabile Donum*, 3 ta' April 1980, n. 1: *AAS* 72 (1980) 333-334.
85. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 24, 35.
86. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 34.
87. Ara *ibid*., n. 96.
88. Ara *ibid*., nn. 47, 61, 132; Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni, *Inaestimabile Donum*, 3 April 1980, n. 3: *AAS* 72 (1980) 334.
89. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 66.
90. Ara Pawlu VI, Motu Proprio, *Ministeria quaedam*, 15 ta' Awissu 1972, n. V: *AAS* 64 (1972) 532.
91. Ara Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni, *Inaestimabile Donum*, nn. 2, 18: *AAS* 72 (1980) 334; Ara wkoll Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, *Directorium de Missis cum pueris*, 1 ta' Novembru 1973, nn. 22, 24, 27: *AAS* 66 (1974) 43.
92. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, nn. 47, 66, 151; Ara wkoll Consilium ad exsequendam Constitutionem de sacra Liturgia, *De oratione communi seu fidelium* (Città del Vaticano 1966) n. 8.
93. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani* , n. 66.
94. Ara *ibid*., nn. 37a, 67.
95. Ara *ibid*., n. 68.
96. Ara, per eżempju, Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika, *Missale Romanum*, 3 ta' April 1969, f'*Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum* (Typis Polyglottis Vaticanis 1975), p. 15, iċċitat f'*Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo lectionum Missae*, editio typica altera (Typis Polyglottis Vaticanis, 1981), p. XXX: "Dan it-tqassim sar biex iħeġġeġ dejjem iżjed fil-fidili x-xewqa għall-ikel tal-Kelma ta' Alla, u taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu, il-poplu tal-Patt il-Ġdid ifittex iżjed li jingħaqad ħaġa waħda mal-Knisja. B'hekk ukoll – u din hi t-tama tagħna – is-saċerdoti u l-fidili flimkien iħejju ruħhom bi qdusija akbar għall-ikla tal-Mulej u jimmeditaw dejjem aktar l-għajxien tagħhom. Hekk jiġri li, kif wissiena l-Konċilju Vatikan it-Tieni, kulħadd iżomm il-Kotba Mqaddsa kemm bħala għajn li minnha qatt ma jonqos l-ilma tal-ħajja spiritwali, kemm bħala l-aqwa sies li fuqu jinbena t-tagħlim mogħti lill-insara u kemm bħala l-qalba ta' kull formazzjoni teoloġika."
97. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 35, 51.
98. Ara Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika, *Missale Romanum*: f'*Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum* (Typis Polyglottis Vaticanis 1975), p. 15, iċċitat f'*Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo lectionum Missae*, editio typica altera (Typis Polyglottis Vaticanis, 1981), p. XXXI: "B'hekk jintwera aħjar fil-qalba tiegħu l-progress kontinwu tal-misteru tas-salvazzjoni mfisser bil-kelma rivelata ta' Alla."
99. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, nn. 9, 33; Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni, *Inter Oecumenici*, 26 ta' Settembru 1964, n. 7: *AAS* 56 (1964) 878; Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika, *Catechesi tradendae*, 16 ta' Ottubru 1979, n. 23: *AAS* 71 (1979) 1296-1297.
100. Ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 35, 4; Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni, *Inter Oecumenici*, 26 ta' Settembru 1964, nn. 37-38: *AAS* 56 (1964) 884.
101. Ara Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, Istruzzjoni, *Actio pastoralis*, 15 ta' Mejju 1969, n. 6: *AAS* 61 (1969) 809; Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, *Directorium de Missis cum pueris*, 1 ta' Novembru 1973, nn. 41-47: *AAS* 66 (1974) 43; Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika, *Marialis cultus*, 2 ta' Frar 1974, n. 12: *AAS* 66 (1974) 125-126.
102. Kull sena għandha għaliha waħda mill-ittri A, B, Ċ. Biex tagħraf jekk is-sena tkunx A, B jew Ċ, qassam in-numru tas-sena fi tlieta: jekk it-tlieta tidħol eżatt bla ma tħalli bqija, dik tkun is-Sena Ċ; jekk tħalli wieħed bqija tkun is-Sena A u jekk tkun tħalli tnejn bqija tkun is-Sena B. Hekk is-sena 2007 hija s-Sena Ċ, is-sena ta' warajha, 2008, hija is-Sena A, is-sena 2009 hija s-Sena B, u s-sena 2010 terġa' tkun is-Sena Ċ; u hekk l-oħrajn. Hija ħaġa ċara li s-sena liturġika tibda mill-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, għalhekk fl-2008, li hija s-Sena A, il-qari tal-Ħdud tas-Sena A jibda mill-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, jiġifieri Novembru tas-sena 2007.
Is-sena ta' kull ċiklu b'xi mod tingħaraf mill-Evanġelju Sinottiku li jinqara b'mod semi-kontinwu matul il-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena tas-sena li tkun. Hekk l-ewwel ċiklu hu dak ta' San Mattew għax fis-sena A jinqara l-Evanġelju skond San Mattew, iċ-ċiklu B hu dak ta' San Mark u ċ-ċiklu Ċ hu dak ta' San Luqa, għaliex dawn huma l-Evanġelji li jinqraw rispettivament fiċ-ċiklu B u Ċ.
103. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, nn. 36-40; *Missale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo cantus Missae* (Typis Polyglottis Vaticanis), nn. 5-9.
104. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 313.
105. Ara *ibid*., n. 318; Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, Istruzzjoni, *Inaestimabile Donum*, n. 1: *AAS* 72 (1980) 333-334.
106. Hekk fost l-oħrajn, il-qari kontinwu tat-Testment il-Qadim fir-Randan hu mfassal b'tali mod li juri l-mixja 'l quddiem ta' l-istorja tas-salvazzjoni; u fil-Ħdud ta' matul is-sena jsir il-qari semi-kontinwu ta' xi ittra ta' l-Appostli. F'każi bħal dawn ikun jaqbel jekk ir-ragħaj ta' l-erwieħ jagħżel l-ewwel jew it-tieni qari b'mod sistematiku għal xi Ħdud wara xulxin, minħabba t-tqassim b'mod ippjanat tal-katekeżi; ma jixraqx li wieħed jagħżel issa l-ewwel qari u issa t-tieni, bla ħsieb ta' xejn mingħajr ebda ordni jew rabta tat-testi ma' xulxin.
107. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 319.
108. Ara *ibid*., n. 316c; ara Konċilju Vatikan it-Tieni, Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, *Sacrosanctum Concilium*, n. 51.
109. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 318.
110. Ara *Rituale Romanum ex Decreto Sacrosancti Oecumenici Concilii Vaticani II instauratum, auctoritate Pauli VI promulgatum, Ordo Paenitentiae* (Typis Polyglottis Vaticanis 1974), *Praenotanda* , n. 13.
111. Ara *Institutio Generalis Missalis Romani*, n. 320.
112. Ara *ibid*., n. 313.
113. Ara nn. 173-174, ta' dan l-*Ordo lectionum Missae*.
114. Ara n. 233, ta' dan l-*Ordo lectionum Missae*.
115. Hekk, ngħidu aħna, jekk dik il-ġimgħa li tkun inqatgħet minħabba r-Randan tkun is-sitt ġimgħa taż-żmien ta' *matul*

*is-sena,* mill-għada ta' Għid il-Ħamsin jibda l-qari tas-seba' ġimgħa. Is-solennità tat-Trinità Qaddisa titqies bħala wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' *matul is-sena.*

116. Hekk, ngħidu aħna, jekk il-ġimgħa li tkun inqatgħet minħabba r-Randan tkun il-ħames ġimgħa "taż-żmien ta' matul is-sena", mill-għada ta' Għid il-Ħamsin jibda l-qari tas-seba' ġimgħa, u jitħalla barra dak tas-sitt ġimgħa.
117. Ara t-Tabella II fi tmiem din id-*Daħla*.
118. Ara t-Tabella III fi tmiem din id-*Daħla*.
119. Ara Kunsill għall-Implementazzjoni tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa, Istruzzjoni *De popularibus interpretationibus conficiendis,* 25 ta' Jannar 1969: *Notitiae* 5 (1969) 3-12; *Declaratio circa interpretationes textuum liturgicorum "ad interim" paratas: Notitiae* 5 (1969) 69; Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, *Declaratio de interpretatione textuum liturgicorum: Notitiae* 5 (1969) 333-334; (ara wkoll *Responsiones ad dubia,* f'*Notitiae* 9 (1973) 153-154); *De unica interpretatione textuum liturgicorum: Notitiae* 6 (1970) 84-85; Sagra Kongregazzjoni għas-Sagramenti u l-Kult Divin, *Epistula ad praesides conferentiarum episcopalium de linguis vulgaribus in s. liturgiam inducendis: Notitiae* 12 (1976) 300-302.
120. Ara Sagra Kongregazzjoni għall-Kult Divin, Istruzzjoni *Liturgicae instaurationes*, 5 ta' Settembru 1970, n. 11: *AAS* 62 (1970) 702-703; *Institutio Generalis Missalis Romani* , n. 325.
121. Ara *ibid*., nn. 11, 29, 68a, 139.
122. Ara l-Indiċi tal-qari ta' dan l-*Ordo lectionum Missae.*
123. Fl-edizzjoni Maltija tal-kotba liturġiċi l-lezzjonijiet bibliċi huma meħuda mit-traduzzjoni skond it-test oriġinali Lhudi, Aramajk, jew Grieg; il-ftit testi maqluba skond il-Vulgata għandhom is-sinjal (Vg.) wara n-numru tal-kapitlu u l-versetti fil-bidu tal-lezzjoni (Nota tal-Kumm. Lit. Nazz.).